ISSN 1725-5198

**Ħarġa Speċjali ***
**18 ta' Awwissu 2005**

# Il-Ġurnal Uffiċjali
# ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Tagħrif*

**Il-Qorti ta' l-Awdituri**

Rapport Speċjali Nru 1/2005 dwar il-ġestjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni . . . . . . . . . . 1

Opinjoni Nru 6/2005 dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex temenda r-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999 rigward l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) . . . . . . . . . . 33

MT

2

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi Uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 202.

I

*(Tagħrif)*

# IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT SPEĊJALI Nru 1/2005

## dwar il-ġestjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

*(preżentati skond l-Artikolu 248(4), it-tieni paragrafu, tat-Trattat tal-KE)*

**WERREJ**


| | Paragrafi | Paġna |
|---|---|---|
| LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET | | 2 |
| SOMMARJU | I-XI | 3 |
| INTRODUZZJONI | 1-11 | 4 |
| Il-missjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) | 1-5 | 4 |
| L-organizzazzjoni ta' l-OLAF | 6-7 | 5 |
| Il-verifika tal-Qorti | 8-11 | 5 |
| L-INVESTIGAZZJONIJIET TA' L-OLAF | 12-43 | 6 |
| Il-proċeduri investigattivi | 12-17 | 6 |
| L-iffissar ta' prijoritajiet għall-funzjoni investigattiva ta' l-OLAF | 18-19 | 7 |
| Il-fażi ta' valutazzjoni | 20-22 | 7 |
| Il-fażi investigattiva | 23-29 | 8 |
| Il-fażi ta' segwitu | 30-32 | 9 |
| Proċeduri ta' kontroll tal-kwalita' | 33-43 | 9 |
| Il-Manwal ta' l-OLAF | 34 | 9 |
| Is-sorveljanza tal-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet | 35-37 | 10 |
| Il-verifika interna | 38-39 | 10 |
| Il-Kunsill Eżekuttiv ta' l-OLAF | 40-41 | 10 |
| Ir-rapporti ta' l-attivitajiet | 42-43 | 11 |
| IL-KONTRIBUZZJONI MAGĦMULA MID-DIPARTIMENTI TA' L-OLAF GĦAX-XOGĦOL INVESTIGATTIV TIEGĦU | 44-65 | 11 |
| Introduzzjoni | 44 | 11 |
| Intelliġenza, Strateġija Operattiva u Servizzi ta' Informazzjoni | 45-50 | 11 |
| Politika, Leġislazzjoni u Affarijiet Legali | 51-55 | 12 |

| | Paragrafi | Paġna |
|---|---|---|
| Unitajiet li jirrappurtaw direttament lid-Direttur ta' l-OLAF | 56-61 | 12 |
| L-unita' tal-Maġistrati | 57-58 | 12 |
| L-unita' għat-taħriġ u s-sostenn lill-Pajjiżi Kandidati | 59-60 | 13 |
| L-Unita' għar-riżorsi umani u l-baġit | 61 | 13 |
| Riżorsi umani | 62-65 | 13 |
| IL-KUMITAT TA' SORVELJANZA | 66-72 | 14 |
| KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET | 73-94 | 15 |
| Effiċjenza u effettivita' ta' l-investigazzjonijiet | 74-88 | 15 |
| L-użu ta' riżorsi sabiex jiġu sostnuti l-investigazzjonijiet | 89-92 | 17 |
| Ir-Relazzjonijiet bejn l-OLAF u l-Kumitat ta' Sorveljanza | 93 | 17 |
| Riiffokar ta' l-Uffiċċju fuq il-funzjoni investigattiva tiegħu | 94 | 18 |
| *ANNESS I:* Organigramma ta' l-OLAF | | 19 |
| *ANNESS II:* In-nuqqasijiet priċipali li nstabu waqt il-verifika | | 20 |
| **Ir-risposti tal-Kummissjoni** | | 21 |

## LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AFIS | Sistema ta' Informazzjoni Kontra l-Frodi |
| BEI | Bank Ewropew ta' l-Investiment |
| CMS | Sistema ta' ġestjoni tal-każijiet |
| DĠ | Direttorat Ġenerali |
| ECR | Reġistru Elettroniku tal-Każijiet |
| END | Esperti Nazzjonali Issekondati |
| IDOC | Uffiċċju ta' Investigazzjoni u Dixxiplina tal-Kummissjoni |
| OLAF | Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi |
| UCLAF | Unità għall-Kordinazzjoni tal-prevenzjoni tal-frodi |
| UE | Unjoni Ewropea |

**SOMMARJU**


I. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ħa l-post ta' l-Unità għall-Kordinazzjoni tal-Prevenzjoni tal-Frodi (UCLAF) f'April 1999 bi statut rinforzat u b'mandat estiż sabiex ikopri l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha ta' l-Unjoni Ewropea. Il-proċess tat-twaqqif ta' l-Uffiċċju involva biċċa xogħol diffiċli b'mod partikolari minħabba n-natura diżorganizzata tal-fajls illi huwa wiret. Kien biss lejn tmiem is-sena 2003 li l-effetti tar-ristrutturazzjoni bdew jinħassu. F'nofs is-sena 2004, madanakollu, kien għad hemm xorta waħda l-bżonn ta' titjib f'diversi oqsma tal-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet.

II. Il-fatt illi l-Uffiċċju għandu status doppju, fejn għandu awtonomija għal dak li jikkonċerna l-investigazzjoni imma jirrapporta lill-Kummissjoni għall-obbligi l-oħra tiegħu, ma affettwax b'mod ħażin il-funzjoni investigattiva tiegħu. Minħabba illi jifforma parti mill-Kummissjoni, l-Uffiċċju kien kapaċi mhux biss sabiex igawdi minn sostenn amministrattiv u loġistiku sostanzjali, imma wkoll sabiex jieħu vantaġġ mill-leġislazzjoni kontra l-frodi li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jużaw. Konsegwentement, ma jidhirx li jkun xieraq li jiġi kkunisdrat tibdil fl-istatus ta' l-Uffiċċju. ([1])

III. l-Uffiċċju għandu biżżejjed riżorsi sabiex jieħu ħsieb id-denunzji kollha ġustifikabbli li jsiru u hekk jagħmel. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-politika ta' l-Uffiċċju li jagħti prijorità lil-investigazzjonijiet hija biss teoretika.

IV. OLAF jagħmel ftit wisq distinzjoni bejn l-investigazzjonijiet (interni jew esterni) fuq naħa u l-operazzjonijiet ta' assistenza u l-Kordinazzjoni fuq l-oħra. Minħabba li n-natura tax-xogħol f'kull każ hija partikolarment differenti, ir-ragruppament tagħhom joħloq konfużjoni fil-ġestjoni tar-riżorsi.

V. Waqt li l-introduzzjoni ta' reġistru u ta' sistema kompjuterizzata għall-ġestjoni tal-fajls ta' l-investigazzjoni tejjbu ż-żamma tar-rekords għall-operazzjonijiet u ċċaraw ir-responsabbiltajiet, is-sorveljanza maniġerjali baqgħet inadegwata u rriżultat f'dewmien serji fl-ipproċessar tal-fajls, fl-iddepożitar ta' rapporti inkonklużivi u f'riżultati indeterminati. Sabiex jiġu miġġielda d-dewmien mhux neċessarji, għandhom jiġu stabbiliti skadenzi imperattivi meta jinfetħu l-investigazzjonijiet.

VI. Diversi drabi, l-atti investigattivi jiġu preparati u segwiti b'mod rudimentali. L-għanijiet segwiti mill-investigaturi baqgħu vagi f'termini ta' l-evidenza li trid tiġi mikxufa u fl-użu tar-riżorsi. Barra s-settur tad-dwana, hemm bżonn ta' koperazzjoni iktar effettiva bejn l-Istati Membri, kemm għal oqsma ta' ġestjoni diretta u għal oqsma fejn il-ġestjoni hija flimkien ma' l-Istati Membri.

VII. Għalkemm il-proċeduri ta' rappurtar fuq ix-xogħol ta' l-Uffiċċju ġew reċentement imtejjba, l-informazzjoni għandha x'taqsam mal-volum ta' l-operazzjonjiet magħmula minflok mar-riżultati li fil-fatt ġew miksuba, kemm f'termini ta' dak li ġie fil-fatt irkuprat mill-fondi li ġew misapproprjati kif ukoll f'termini tas-sanzjonijiet dixxiplinari jew kriminali li ġew imposti fuq il-persuni misjuba ħatja ta' frodi. Is-sistema ta' indikaturi relevanti sabiex jiġu valutati r-riżultati għad trid tiġi rinforzata.

VIII. Il-miżuri adottati fl-2001 sabiex l-Uffiċċju jiġi provdut b'persunal kompetenti sabiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom għamlu ż-żmien tagħhom. In-numru kbir ta' persunal fuq kuntratti li ma jistgħux jiġu mġedda għal iktar minn ċertu żmien (bejn sitta u tmien snin) huwa issa ta' ħsara għall-għan li tiġi konsolidata l-abbiltà. F'dawn ic-cirkustanzi l-miżuri ta' taħriġ introdotti mill-Uffiċċju jibqgħu insuffiċċjenti.

IX. Il-kontroll tal-legalità ta' l-inkjesti li għadhom sejrin u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-persuni taħt investigazzjoni mhiex assigurata b'mod indipendenti. Minħabba nuqqas ta' kodifikazzjoni ċara ta' l-atti investigattivi, is-sitwazzjoni hija soġġetta għal litigazzjoni. Id-dispożizzjonijiet regolatorji relevanti irriżultaw insoddisfaċenti.


([1]) Ara r-rapport ta' valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF (Artikolu 15), KUMM (2003) 154 finali, tat-2 t'April 2003.

X. Ir-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-Kumitat ta' Sorveljanza huma diffiċli. Hemm il-bżonn ta' ri-eżaminazzjoni serja tad-dispożizzjonijiet regolatorji li jikkonċernaw it-tmexxija ta' l-Uffiċċju.

XI. Sabiex jiġi evitat li jinħela x-xogħol ta' l-Uffiċċju fuq attivitajiet illi, għalkemm relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, m'għandhomx x'jaqsmu direttament ma' l-investigazzjonijiet, u sabiex jiġi garantit illi r-riżorsi kollha jkunu diretti lejn il-ġlieda b'mod effettiv kontra l-frodi li hija ta' detriment għall-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, ix-xogħlijiet li huma assenjati lill-Uffiċċju għandhom jiġu ri-eżaminati fid-dettall. Billi jirrifoka l-attivitajiet tiegħu fuq il-funzjoni investigattiva tiegħu huwa jkun jista' jimmobilizza r-riżorsi tiegħu b'mod iktar effettiv, partikolarment rigward il-bidu ta' investigazzjonijiet immirati, f'oqsma fejn ir-riskji ta' frodi huma kkunsidrati bħala l-iktar serji.

**INTRODUZZJONI**

***Il-missjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)***

1. Bit-twaqqif ta' l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) ([1]), l-Istituzzjonijiet Ewropej kellhom il-mira li jżidu l-effettività tal-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali li huma ta' detriment għall-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni. L-Uffiċċju għalhekk ġie mogħti setgħat ġodda meta mqabbla ma' dawk tal-predeċessuri tiegħu ([2]). Partikolarment, huwa ġie mogħti l-funzjoni li jwettaq investigazzjonjiet amministrattivi fl-istituzzjonijiet u fil-korpi kollha ta' l-Unjoni Ewropea. Il-funzjoni investigattiva ġiet imsaħħa permezz ta' garanzija ta' indipendenza fit-twettiq ta' din l-attività. Dik l-indipendenza kellha, min-naħa tagħha, tiġi msaħħa permezz tat-twaqqif ta' Kumitat ta' Sorveljanza magħmul minn persuni importanti li ġejjin minn barra l-Istituzzjonijiet. Id-Direttur ta' l-Uffiċċju li assuma l-kariga f'Marzu 2000, ġie mogħti s-setgħa li jinnomina l-persunal ta' l-OLAF, li għandu jpoġġih f'pożizzjoni sabiex ikun jista' jirrispondi b'mod iktar effettiv għall-bżonninjiet investigattivi speċifiċi ta' l-Uffiċċju.

2. Filwaqt illi enfasizzat l-importanza tal-funzjoni investigattiva ta' l-OLAF (ara paragrafu 12), il-Kummissjoni fdat ukoll lill-Uffiċċju b'sensiela wiesa' ta' attivitajiet relatati mal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea ([3]). Dawn l-attivitajiet, li huma parzjalment miġbura f'dik li l-Uffiċċju isejjaħ "pjattaforma ta' servizzi", ikopru:

a) l-assistenza għall-prevenzjoni tal-frodi li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli għall-Istati Membri;

b) l-iżvilupp ta' strateġija għall-prevenzjoni tal-frodi fil-qafas tal-politika tagħha fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji (Artikolu 280 tat-Trattat);

c) il-preparazzjoni ta' l-inizzjattivi leġislattivi u regolatorji tal-Kummissjoni għal kontra l-frodi;

d) l-iżvilupp tal-mezzi neċessarji sabiex tiġi miġġielda l-frodi;

e) il-ġbir u l-analiżi ta' l-informazzjoni;

f) l-assistenza teknika li trid tiġi pprovduta, speċjalment fil-qasam tat-taħriġ, lill-korpi u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunità u lill-awtoritajiet nazzjonali konċernati bil-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

Il-leġislazzjoni ma' tagħtix kriterji ta' prijorità bejn dawn l-attivitajiet differenti.

3. L-Uffiċċju jopera ġewwa qafas istituzzjonali kumpless u huwa fiċ-ċentru ta' grupp ta' korpi konċernati direttament jew indirettament bil-prevenzjoni tal-frodi. Ma huwiex dejjem ċar kif dawn ir-responsabbiltajiet huma maqsuma bejn dawn il-korpi, bir-riżultat illi potenzjalment jista' jkun hemm kemm xogħol doppju kif ukoll affarijiet li jitħallew barra. Dawn il-korpi jaqgħu taħt tlett sotto-gruppi:

a) dawk li jinsabu fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi, bħall-forzi tal-pulizija, awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet amministrattivi kontra l-frodi;

b) korpi tal-Komunità bħall-Uffiċċju għall-Investigazzjoni u d-Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC) ([4]), is-servizz tal-verifika interna ta' kull istituzzjoni, l-Ombudsman Ewropew, il-kapaċitajiet ta' verifika tad-dipartimenti operattivi tal-Kummissjoni u l-Kumitat ta' Sorveljanza ta' l-OLAF stess;

c) korpi oħra intergovernamentali għall-prevenzjoni tal-kriminalità, bħall-Eurojust u l-Europol.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 t'April 1999 (ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 20); Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 (ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 1).

([2]) *Task-force* għall-Kordinazzjoni tal-Prevenzjoni tal-Frodi (sa l-1987), Unità għall-Kordinazzjoni tal-Prevenzjoni tal-Frodi (UCLAF: 1987-1999). Ara fuq din it-tema ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 8/98-, (ĠU C 230, tat-22.7.1998) li kkontribwixxa għar-riflessjoni dwar il-kreazzjoni ta' l-OLAF.

([3]) Deċiżjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom, Artikolu 2, paragrafi 3 sa 7. Fil-qafas ta' l-attivitajiet marbuta mal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni nnominat lill-OLAF bħala inkarigat mill-fajls għal 31 mis-37 azzjonijiet fil-pjan t'azzjoni tagħha 2004-2005.

([4]) Mwaqqaf fi Frar 2002 sabiex iwettaq investigazzjonijiet u jorganizza l-proċeduri dixxipplinarji tal-Kummisjoni. Ir-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju u l-IDOC kellhom ikunu t-tema ta' ftehim li għadu ma ġiex finalizzat.

4. Minħabba li l-Istati Membri huma responsabbli għall-ġestjoni ta' madwar 80 % tan-nefqa ta' l-Unjoni Ewropea, huwa neċessarju, għal raġunijiet ovvji ta' effettività għall-Uffiċċju li dan jaħdem viċin ta' l-awtoritajiet nazzjonali (pulizija, dwana, il-qrati eċċ.). Dan ir-rekwiżit iżid mal-komplessità tal-biċċa xogħol tiegħu. Barra minn hekk, huma l-Istati Membri li huma responsabbli sabiex jiftħu proċeduri kriminali kull meta jiġu mitluba, u d-diversità tas-sistemi ġuridiċi tagħhom tagħmel il-biċċa xogħol ta' l-Uffiċċju iktar kumplessa.

5. Għalkemm l-OLAF huwa korp ġdid, huwa ġie obbligat sabiex ikompli l-operazzjonijiet tal-predeċessur tiegħu, l-UCLAF. Għahekk huwa assuma madwar 1 400 każ li kienu għadhom sejrin ([1]), u dan kien wirt diffiċli minħabba l-mod diżorganizzat li bih diversi minn dawn l-investigazzjonijiet kienu ġew ġestiti ([2]). Fl-istess ħin, il-persunal ta' l-UCLAF ġie rijassenjat *en bloc* għall-Uffiċċju. Sat-tibdil radikali tal-pjan ta' twaqqif ta' l-2001, dan kien irrestrinġa l-manovrabilità tad-Direttur ([3]).

***L-organizzazzjoni ta' l-OLAF***

6. L-Uffiċċju igawdi minn status ambivalenti skond liema huwa għandu awtonomija investigattiva imma jirrapporta lil-Kummissjoni għar-rigward ta' l-obbligi l-oħra tiegħu. L-istruttura doppja ma' affettwatx ħażin l-indipendenza tal-funzjoni investigattiva u ġġib magħha ċerta vantaġġi. Mill-aspett legali, per eżempju, bħala parti mill-Kummissjoni, l-Uffiċċju seta' jagħmel użu minn poteri mogħtija lil din l-istituzzjoni, partikolarment is-setgħa li jwettaq spezzjonijiet fuq il-post fl-Istati Membri skond varjetà ta' regolamenti ġenerali u settorali ([4]). Il-konnessjoni mal-Kummissjoni kienet ukoll utli għall-operazzjonijiet ta' kuljum ta' l-OLAF minħabba li biha seta' jikseb sostenn amministrattiv mis-servizzi ġenerali tal-Kummissjoni.

7. L-organigramma ta' l-Uffiċċju ta' Mejju 2004 hija preżentata f'*Anness 1*. Sa mill-2001, il-pjan ta' twaqqif ta' l-Uffiċċju kien magħmul minn madwar 300 post tax-xogħol, id-doppju ta' dak li kien disponibbli għall-UCLAF ([5]). Fl-2004, id-Direttorat ta' l-Investigazzjonijiet (Direttorat B) kien fih 126 investigatur ([6]) u 13 -il aġent amministrattiv. Il-193 postijiet l-oħra kienu maqsuma bejn id-dipartimenti l-oħra (Direttorat A "Politika, leġislazzjoni u affarijiet legali") u d-Direttorat Ċ "Intelliġenza, stateġija operattiva u servizzi t'informazzjoni").

([1]) Ara Tabella 3 fir-Rapport ta' Valutazzjoni Kumplimentarju ta' l-Attivitajiet ta' l-OLAF, SEC(2004) 1370 tas-26.10.2004. Disa' każijiet kienu għadhom pendenti fit-30 ta' Ġunju 2004 u 280 każ kienu fil-fażi tas-segwitu.

([2]) Ara punt 1.6 tar-Rapport speċjali Nru 8/98 (ĠU Ċ 230, tat-22.7.1998).

([3]) Ara punt 7.42 tar-rapport annwali tal-Qorti rigward is-sena finanzjarja 2000, (ĠU C 359, tal-15.12.2001).

([4]) Per eżempju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 (ĠU L 312, tat-23.12.1995, p. 1) rigward il-kastigi amministrattivi f'każ ta' irregolaritajiet, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 (ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 2) rigward l-iċċekkjar u l-ispezzjonijiet fuq il-post, u regolamenti speċifiċi fuq ir-riżorsi proprji, il-Fondi Strutturali, il-Fond għall-Iżvilupp Ewropew, eċċ.

([5]) Fil-bidu ta' l-1999 il-pjan tat-twaqqif ta' l-UCLAF kien fih 149 post.

([6]) Inklużi 13 -il espert nazzjonali sekondati (SNEs).

***Il-verfika tal-Qorti***

8. L-għan tal-verifika kien sabiex jevalwa l-kwalità tal-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF. Dan sar billi ġie valutat:

a) kif l-Uffiċċju kien eżegwixxa l-missjoni investigattiva tiegħu;

b) il-kontribuzzjoni tad-dipartimenti ta' l-OLAF lejn il-funzjoni investigattiva.

L-effettività finali tax-xogħol ta' l-Uffiċċju ma setgħetx tiġi valutata minħabba n-nuqqas t'affidabilità tad-data fuq l-investigazzjonijiet ta' segwitu.

9. Ir-rapport tal-Qorti jikkumplimenta l-valutazzjoni magħmula mill-Kummissjoni f'April 2003, li essenzjalment iffukat fuq il-qafas legali ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju ([7]), kif ukoll it-tieni valutazzjoni iktar kwantitativa preżentata mill-Kummissjoni f'Ottubru ta' l-2004 ([8]).

10. Sakemm l-investigazzjonijiet huma konċernati, il-verifika mwettqa bejn April u Ottubru 2004 kellha bħala l-punt tat-tluq tagħha osservazzjonijiet magħmula qabel mill-Qorti ([9]). Hija ffukat fuq sistemi, strutturi u miżuri dwar il-persunal. Kien hemm ukoll analiżi ta' l-attività tad-dipartimenti ta' l-OLAF li ma humiex direttament responsabbli mill-investigazzjonijiet. Għalkemm l-organizzazzjoni reċenti ta' l-Uffiċċju kienet analizzata, flimkien ma' kampjun ta' 117-il operazzjoni mwettqa lejn tmiem l-2003, deher ċar illi, f'dak iż-żmien, l-Uffiċċju kien għadu għaddej bl-approvazzjoni ta' diversi operazzjonijiet mibdija mill-predeċessur tiegħu, u li l-miżuri ta' rijorganizzazzjoni introdotti waqt il-perjodu 2002-2003 kienu għadhom kif bdew iħallu l-effett. In-nuqqasijiet misjuba fil-verifika huma deskritti fil-qosor f'*Anness II*.

11. Dan ir-rapport ġie magħmul fl-istess żmien li fih il-Kummissjoni proponiet emendament għar-Regolament dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF ([10]). Il-Qorti ressqet opinjoni fuq din il-proposta, li fiha hija tieħu in konsiderazzjoni l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-verifika.

([7]) Valutazzjoni preżentata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

([8]) Rapport ta' Valutazzjoni Komplimentarju ta' l-Attivitajiet ta' l-OLAF, SEC(2004) 1370 tas-26.10.2004.

([9]) Partikolarment ir-rapport speċjali Nru 8/98, — (ĠU C 230, tat-22.7.1998) u l-osservazzjonijiet tal-kapitolu 7 tar-Rapport Annwali tal-Qorti rigward is-sena finanzjarja 2000 (ĠU C 359, tal-15.12.2001).

([10]) KUMM(2004) 103 finali ta' l-10.2.2004.

L-INVESTIGAZZJONIJIET TA' L-OLAF

*Il-proċeduri investigattivi*

12. Minbarra l-operazzjonijiet ta' kordinazzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jiddistingwi bejn investigazzjonijiet esterni (Artikolu 3) u investigazzjonijiet interni (Artikolu 4). L-Uffiċċju nniffsu jaqsam il-każijiet tiegħu f'ħames kategoriji:

a) investigazzjonijiet interni (investigazzjonijiet ta' korruzzjoni ġewwa l-istituzzjonijiet u korpi assimilati);

b) investigazzjonijiet esterni (investigazzjonijiet diretti ta' pajjiżi terzi involuti fl-attivitajiet relatati ma' transazzjonijiet tal-baġit tal-Komunità);

c) assistenza ġudizzjarja (assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest ta' proċeduri kriminali);

d) koordinazzjoni (assistenza lill-Istati Membri fil-kuntest ta' investigazzjonijiet li jikkonċernaw iktar minn pajjiż wieħed);

e) il-każijiet ta' monitoraġġ (dan ifisser, għall-fajls importanti, li tingħata lill-Uffiċċju l-possiblità li jsegwi jekk l-Istati Membri qdewx l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt l-Artikolu 280 tat-Trattat).

13. Każijiet fl-istadju ta' l-investigazzjoni attiva (475 fit-30 ta' Settembru 2004) jinkludu investigazzjonijiet proprji (252) u operazzjonjiet ta' Kordinazzjoni u assistenza (223). Oprazzjonjiet ta' Kordinazzjoni huma partikolarment komuni fil-qasam tad-dħul u tan-nefqa tal-ġestjoni maqsuma. Konsegwentement, minn 23 każ eżaminati waqt il-verifika tas-setturi tad-dwana u tal-kummerċ, huma 4 l-inkjesti mmexxija mill-Uffiċċju.

14. Dan ir-ragruppament ta' l-investigazzjonijiet flimkien ma' l-operazzjonjiet ta' Kordinazzjoni u assistenza fi ħdan l-istess unitajiet ta' direzzjoni ta' l-inkjesti, itellef il-ġestjoni tar-riżorsi. Fil-fatt, l-Uffiċċju għandu rwol sostanzjalment differenti f'kull wieħed minn dawn iż-żewġ oqsma. Għall-investigazzjonijiet, kull pass irid jiġi formalment imniżżel, iffailjat u ġġustifikat sabiex id-*dossier* ikun jista' jiġi wżat minn prosekutur. Għall-każijiet ta' Kordinazzjoni u assistenza, l-OLAF irid ikun jista' jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali b'sostenn malajr u effettiv mingħajr ma jkun soġġett għal ostakoli proċedurali serji. F'dawn il-każijiet l-użu ta' proċeduri ta' l-inkejsti ma jidhirx dejjem approprjat. Huwa jtellef mir-riżorsi li setgħu jiġu wżati għal investigazzjonijiet u jwassal għal riskju ta' sporġiment ma' ċerti responsabbiltajiet ta' l-unitajiet tas-segwitu.

15. L-uffiċċju huwa biss awtorizzat li jmexxi investigazzjonjiet amministrattivi. Huwa għalhekk m'għandux il-kapaċità li jwettaq diversi xogħlijiet li għalihom hemm bżonn tal-poteri tal-pulizija. Għalkemm huwa jista', per eżempju, jieħu kopja tad-dokumenti fil-bini ta' kumpanija, huwa ma għandux l-awtorità li jagħmel tfittxijiet fid-djar tas-sidien tal-kumpanija jew tal-persunal, anke jekk hemmekk tkun tista' tinstab evidenza mportanti. Lanqas ma huwa awtorizzat sabiex jitlob aċċess għall-kontijiet bankarji ta' persuna legali jew fiżika, anke fejn din tkun impjegata minn isitituzzjoni Komunitarja. Hemm għalhekk limiti ċari fuq l-atti investigattivi li l-Uffiċċju jista' jwettaq, u dawn jaffettwaw il-wisa' tal-konklużjonijiet tiegħu. L-effettività prattika tal-fażi investigattiva tista' titnaqqas iżjed jekk l-Istati Membri ma jwieġbux għat-talbiet għall-assistenza min-naħa ta' l-Uffiċċju.

16. L-Uffiċċju normalment jiftaħ l-investigazzjonijiet tiegħu b'risposta għal informazzjoni li jirċievi mingħand partijiet terzi. Din tkun fil-forma ta' denunzji mgħoddija mis-servizzi tal-Kummissjoni, istituzzjonijiet oħra ta' l-UE, awtoritajiet fl-Istati Membri kif ukoll minn ċittadini privati jew entitajiet kummerċjali. Meta tkun irċevuta informazzjoni bħal din, jinfetaħ fajl ġdid fl-arkivji ta' l-Uffiċċju ([1]). Ix-xogħol ta' l-investigazzjoni mbagħad jaqa' fi tlett stadji prinċipali:

a) l-istadju tal-valutazzjoni li twassal għal rapport sintesi mid-Direttorat ta' l-Investigazzjonijiet ([2]) li jipproponi, jekk ikun hemm biżżejjed sustanza għall-allegazzjonijiet irċevuti ([3]), illi tiġi mibdija investigazzjoni. Ir-rapport ta' valutazzjoni jiġi mressaq għall-opinjoni tal-Bord eżekuttiv magħmul mir-rappreżentanti ta' l-unitajiet assoċjati ma' l-investigazzjonijiet ta' l-Uffiċċju. Id-Direttur ta' l-Uffiċċju mbagħad jiddeċiedi jekk jiftaħx investigazzjoni. Sat-30 ta' Settembru 2004, kien hemm 194 każ taħt valutazzjoni (ara *Tabella 1*);

b) l-istadju ta' l-investigazzjoni li fih il-każi ikun ippreparat. Fil-prinċipju, kif mitlub mill-proċeduri mniżżla fil-Manwal OLAF, l-evidenza tinġabar kemm favur u kemm kontra l-allegazzjonijiet. L-investigaturi jikkonkludu x-xogħol tagħhom billi jagħtu proġett ta' rapport lill-Bord Eżekuttiv, li jivvaluta jekk il-fajl għandux ikun mgħoddi lill-qrati jew lill-awtoritajiet dixxiplinarji, jekk għandux jiġi segwit bl-għan li jsir irkupru jew jekk il-każ għandux jiġi arkivjat. Id-Direttur jiddeċiedi fuq bażi ta' l-opinjoni tal-Bord Eżekuttiv. Fit-30 ta' Settembru 2004, 475 każ kienu qed jiġu investigati attivament;

c) it-tielet stadju, magħmul barra mid-Direttorat ta' lnvestigazzjoni, huwa dedikat għas-segwitu tal-każijiet mgħoddija lill-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk li jkunu jinħtieġu l-irkupru ta' fondi. Diversi każijiet jiġu magħluqa mingħajr ma jiġu segwiti. Fit-30 ta' Settembru 2004, 649 każ kienu qed jiġu segwiti.

([1]) Sistema ta' ġestjoni tal-każijiet (CMS).

([2]) L-intestaturi mudell għar-rapporti ta' valutazzjoni huma dawn li ġejjin: 1. Sottofond; 2. Allegazzjonijiet; 3. Affidabilità, sors u kredibilità ta' l-informazzjoni; 4. Kompetenza ta' l-OLAF; 5. Approċċ previst; 6. Impatt finanzjarju u prospetti ta' rkupru; 7. Livell ta' prijorità; 8. Pjan ta' xogħol propopst; 9. Allokazzjoni ta' riżorsi.

([3]) Meta l-allegazzjoni tkun sostanzjata b'mod tant fqir li lanqas biss ikun vallapena li tgħaddi għall-istadju ta' l-valutazzjoni, il-każ jiġi immedjatament imwaqqa' u l-ebda azzjoni ulterjuri ma tittieħed (*prima facie* ma hemmx każ).

*Tabella 1*

**Numru ta' każijiet f'kull stadju, fl-aħħar ta' Settembru 2004**

| Setturi \ Stadji ta' l-ipproċessar | Numru ta' każijiet li qed jiġu valutati | Numru ta' każijiet li qed jiġu investigati | Numru ta' każijiet li qed jiġu segwiti |
|---|---|---|---|
| Anti-korruzzjoni | 28 | 57 | 48 |
| Nefqa diretta | 33 | 42 | 78 |
| Għajnuna esterna | 53 | 81 | 84 |
| Agrikoltura | 21 | 86 | 59 |
| Fondi strutturali | 41 | 48 | 202 |
| Dwana | 18 | 161 | 178 |
| **Total** | **194** | **475** | **649** |

*Sors:* Sistema tal-ġestjoni tal-każijiet OLAF, statistiċi sat-30.9.2004.

17. L-introduzzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet (CMS) fl-2002 għamlitha iktar faċli għall-Uffiċċju sabiex jibda' l-investigazzjonijiet ([1]). Għalkemm ġew introdott xi miljoramenti fl-2003, hemm bżonn li l-informazzjoni minn din is-sistema tiġi kkunsidrata b'ħafna kawtela, minħabba illi l-verifika wriet illi spiss ikun hemm dewmien fl-ipproċessar u fl-aġġornament tal-fajls, u li d-data finanzjarji fis-sistema la huma konsistenti u lanqas ivverifikati. Fil-fatt kien hemm każijiet ta' investigazzjonijiet li ġew kategorizzati ma' l-operazzjonijiet li għadhom sejrin minkejja li, fl-assenza ta' atti investigattivi ulterjuri, il-fajls ikkonċernati imisshom ġew magħluqa jew b'segwitu jew mingħajr. Investigazzjonijiet oħra ġew magħluqa mingħajr kalkolu tas-somom involuti. F'każijiet oħra, l-investigaturi dehru li ppostponew l-għeluq sabiex huma nfushom ikunu jistgħu jipprovdu segwitu, għalkemm filprinċipju din mhix ir-responsabbilità tagħhom.

*Tabella 2*

**Denunzji irċevuti mill-Uffiċċju bejn Awissu 2003 u Settembru 2004**

| Settur | Numru medju ta' denunzji kull xahar | Proporzjon tad-denunzji għal kull xahar |
|---|---|---|
| Anti-korruzzjoni | 5 | 9 % |
| Nefqa diretta | 8 | 15 % |
| Sostenn estern | 12 | 23 % |
| Agrikoltura | 12 | 23 % |
| Fondi strutturali | 7 | 13 % |
| Dwana | 9 | 17 % |
| **Total** | **53** | **100 %** |

*Sors:* Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet OLAF, statistiċi sat-30.9.2004.

***L-iffissar ta' prijoritajiet għall-funzjoni investigattiva ta' l-OLAF***

18. Il-politika mħabbra mill-OLAF hija li tagħti prijorità lillinvestigazzjonijiet interni u lill-investigazzjonijiet fuq in-nefqa diretta, speċjalment fil-kuntest tat-tkabbir.

19. Fir-realtà l-OLAF għandu riżorsi biżżejjed sabiex ikun jista' jieħu ħsieb id-denunzji kollha ġustifikabbli u fil-fatt hekk jagħmel. Li tingħata prijorità, fil-prattika ma huwiex neċessarju. Kemm huma frekwenti d-denunzji bejn is-setturi differenti huwa ndikat f'*Tabella 2*.

***Il-fażi ta' valutazzjoni***

20. B'mod ġenerali, l-uffiċċju naqqas sostanzjalment iż-żmien użat fuq il-valutazzjoni billi applika skadenza standard ta' ġimgħatejn li tibda' mill-ħatra ta' l-assessur. Għalkemm bejn Ottubru 2002 u Settembru 2004, il-persentaġġ talvalutazzjonijiet li kienu ilhom sejrin għal iktar minn 4 xhur naqas b'mod sinifikanti, minn 62 % għal 35 %, huma xorta waħda kienu jammontaw għal 68. Fil-każ ta' dawk l-oqsma fejn il-dokumentazzjoni neċessarja għar-rapport ta' valutazzjoni għandha tiġi miksuba minn barra l-Istituzzjonijiet Komunitarji, l-iskadenza ta' ġimgħatejn tidher qasira wisq ([2]). Għall-parti l-kbira tal-valutazzjonijiet eżaminati, id-deċiżjoni li tinfetaħ investigazzjoni dehret li kienet ġustifikata fid-dawl tal-kriterja adottati

([1]) Ara paragrafi 1.5 u 1.6 tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 8/98-, (ĠU C 230, tat-22.7.1998).

([2]) Il-Fondi Strutturali huma partikolarment problematiċi għaliex dokumentazzjoni u data finanzjarja dettaljata huma disponibbli biss reġjonalment, u mhux f'livell Komunitarju jew nazzjonali.

mill-Uffiċċju. Madanakollu, l-verifika kixfet ċerti prattiċi (*Anness II*) li jistgħu jiġu mtejjba. Per eżempju:

a) terz tal-valutazzjonijiet eżaminati wrew illi l-għanijiet ta' l-investigazzjoni baqgħu mhux ċari;

b) terz tal-valutazzjonijiet eżaminati wrew sorveljanza ineffiċjenti mill-ġestjoni;

c) nofs il-valutazzjonijiet eżaminati wrew dewmien li ma ġewx spjegati, fl-eżekuzzjoni tax-xogħol.

21. Għalkemm l-Uffiċċju suppost għandu jiffoka primarjament fuq il-frodi finanzjarja, fil-prattika spiss ingħatat preferenza lil każijiet ta' natura penali. L-impatt finanzjarju probabbli, li kien jagħmilha possibbli li tiġi stabbilita x'direzzjoni għandha tieħu l-investigazzjoni, bħall-kalkolu tas-somom misappropjati, diversi drabi ġie kkunsidrat bħala sekondarju.

22. Filwaqt li huwa veru illi, min-natura tagħhom, l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF jagħmluha impossibbli li jiġu previsti l-aspetti kollha ta' kull stadju, huwa xorta waħda utli li wieħed jipprova jagħmel pjan ta' kif l-investigazzjonijiet għandhom jiġu organizzati u pjanati sabiex jiġi evitat ir-riskju li jinħlew ir-riżorsi. Rigward dan, ir-rapporti ta' valutazzjoni ħafna drabi ma kien fihom xejn għajr l-elementi rudimentali ta' l-ippjanar, u dan ma ġiex ikkumpensat bi pjanijiet ta' xogħol iktar dettaljati fi stadju iktar il-quddiem fl-investigazzjoni. Deher ukoll ċar illi ċerti valutazzjonijiet setgħu jiġu mtejjba kieku l-unitajiet ta' segwitu u l-Unità tal-Maġistrati ġew ikkonsultati mill-bidu dwar l-għanijiet, il-possibiltajiet disponibbli u r-riżorsi li kien hemm bżonn għall-investigazzjoni. F'ċerti każijiet, konsultazzjoni mad-Direttorat Ċ (analiżi u intelliġenza) kienet ukoll tgħin lill-assessuri sabiex jagħmlu użu aħjar mill-għodda ta' l-informazzjoni disponibbli (*Anness II*).

### *Il-fażi investigattiva*

23. F'Ottubru 2002 madwar 51 % ta' l-investigazzjonijiet kienu ilhom sejrin għal iktar minn 12-il xahar. Sa Settembru 2004, madankollu, din il-figura kienet telgħet għal 62 %, għalkemm iż-żmien medju ta' kemm idumu l-investigazzjonijiet ġie mnaqqas wara l-verifika tal-każijiet antiki ta' l-UCLAF. Bħal fil-każ tal-valutazzjonijiet, iż-żmien li jdumu l-Istati Membri sabiex jirrispondu għat-talbiet ta' l-Uffiċċju għal dokumentazzjoni spiss wasslu għal dewmien ([1]) (ara *Anness II*). Dewmien ieħor ġie kawżat mill-fatt illi, flimkien ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni, l-OLAF adotta approċċ lejn il-komunikazzjoni illi spiss huwa burokratiku, bir-riżultat illi kien hemm nuqqas ta' attività konsiderevoli li kienet tiġi evitata kieku kien hemm żjarat lill-awtoritajiet konċernati. Il-verifika wriet illi ċerti dewmien setgħu jiġu attribbwiti għal ċertu tiġbid min-naħa ta' l-investigaturi biex dawn jagħmlu x-xogħol, u dan minkejja li r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jitlob, f'Artikolu 6(5), illi l-investigazzjonijiet ta' l-Uffiċċju għandhom jiġu mwettqa b'mod kontinwu.

([1]) Il-mogħdija ta' l-informazzjoni mill-Istati Membri hija dispożizzjoni espiċita ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

24. Il-maniġment ta' l-Uffiċċju eżerċita ftit kontroll fuq kemm damu l-investigazzjonijiet. Wieħed kien jistenna illi l-fajls ta' l-investigazzjonijiet kienu ser jispjegaw u jiġġustifikaw id-dewmien imma dan ma kienx il-każ. Għalkemm ir-rapporti li l-Uffiċċju huwa obbligat li jibgħat lill-Kumitat ta' Sorveljanza wara disa' xhur ta' investigazzjoni fihom xi nformazzjoni, ma hemm l-ebda obbligazzjoni wara dak iż-żmien sabiex jiġi spjegat id-dewmien, ta' kwalunkwe tul, jew anki li jiġi rrappurtat regolarment lill-Bord Eżekuttiv. F'diversi każijiet, id-dewmien ma setgħax jiġi ġġustifikat.

25. Fil-prinċipju, r-rapporti ta' valutazzjoni jikklassifikaw l-investigazzjonijiet skond il-grad ta' urġenza. M'huwiex ċar jekk din il-klassifikazzjoni għandiex impatt fuq xogħol sussegwenti. Fil-fatt ma hemm l-ebda kriterja li tikkonċerna r-riżorsi li għandhom jiġu assenjati lill-investigazzjoni jew lill-iskadenzi sabiex jiġi konkluż xogħol ta' ċertu grad ta' urġenza.

26. Iż-żamma ta' rekords tal-ħinijiet ta' l-investigaturi hija għodda essenzjali għall-ġestjoni sabiex jiġi mmonitorjat il-progress ta' l-investigazzjonijiet. Minkejja r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti ([2]), l-Uffiċċju għadu ma għamilx sistema bħal din. Barra minn hekk ma hemmx għodda ġenerali sabiex jiġi analizzat l-ammont ta' xogħol li għandhom l-investigaturi fil-livell tad-Direttorat B.

27. L-investigazzjonijiet ta' l-Uffiċċju baghtew minn nuqqas ta' sistema sabiex jiġu kodifikati l-proċeduri investigattivi, għalkemm sistema bħal din hija essenzjali kemm għall-investigazzjonijiet u għal dawk li qed jiġu investigati ([3]), speċjalment fil-każ ta' investigazzjonijiet interni. In-nuqqas ta' kodifikazzjoni ġġib magħha riskju doppju; li jinqalgħu kunflitti proċedurali fil-kors ta' investigazzjoni ma' dawk li qed jiġu nvestigati, u li l-proċeduri fil-qorti miġjuba wara l-investigazzjoni jaqgħu minħabba nuqqas ta' konformità mal-formalitajiet introdotti sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' trasparenza u l-proċedura avversarja ([4]).

28. B'mod iktar ġenerali, bħal fil-każ tal-valutazzjonijiet, il-kampjun ta' l-investigazzjonijiet eżaminati wera illi l-attività investigattiva reali ta' l-OLAF spiss kienet pjuttost limitata. L-użu min-naħa ta' l-Uffiċċju tal-poteri tiegħu li jwettaq investigazzjonijiet fuq il-post, jeżamina xhieda u jagħmel mistoqsijiet lil dawk suspettati hija l-eċċezzjoni minflok ir-regola. Dawn l-atti investigattivi speċifiċi kienu l-iktar komuni fis-settur tad-dwana. Min-naħa l-oħra, l-Uffiċċju spiss jitlob għal informazzjoni mill-aġenziji investigattivi ta' ċerti Stati Membri, notamment mill-Italja. Per eżempju, meta jkun qed jinvestiga n-nefqa tal-ġestjoni maqsuma, l-Uffiċċju nomalment jitlob għad-dokumentazzjoni li trid tiġi

([2]) Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2000, paragrafu 7.49-, (ĠU C 359, tal-15.12.2001).

([3]) Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura investigattiva huma mxerrda ġewwa numru ta' testi u jista' jkun utli jekk jiġu konsolidati (Regolament Nru 1073/1999; Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96; Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95; ftehim interistituzzjonali; il-Memorandum IDOC; ir-Regolamenti tal-Persunal).

([4]) It-tieni rakkomandazzjoni fir-rapport ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni t'Ottubru 2003 tikkonċerna t-twaqqif ta' korp ta' regoli amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' miżuri investigattivi.

mogħtija lilu sabiex jistudjaha u janalizzaha qabel, jekk ikun xieraq, jimxi sabiex jagħmel żjara fuq il-post ([1]). Anke meta jkun qed jinvestiga n-nefqa tal-ġestjoni diretta, qasam li fih l-Uffiċċju għandu r-rwol prinċipali, huwa spiss jillimita lilu nniffsu għall-eżaminazzjoni ta' dokumenti miksuba mid-dipartimenti amministrattivi tal-Kummissjoni, u partikolarment ir-rapporti ta' l-awdituri indipendenti maħtura fil-kuntest tal-ftehim ta' finanzjament. F'dawn il-każijiet l-Uffiċċju jiġbor u jikkummenta fuq l-evidenza li trid tiġi mogħtija lill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri, imma ma jipprovdi l-ebda evidenza lil hinn dik li kienet diġà disponibbli għad-dipartimenti amministrattivi. Ix-xogħol tal-ġbir ta' fajls huwa normalment magħmul bl-għajnuna ta' l-Unità Maġisterjali.

29. Waqt li l-Uffiċċju jrid ikun kapaċi jipproduċi r-rapporti finali tiegħu fuq l-investigazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura ġuridika, fil-każ ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni maqsuma dawn jiġu ndirizzati lill-awtoritajiet ta' ġestjoni fl-Istati Membri (is-servizzi tad-dwana, l-aġenziji ta' ħlas eċċ.). Huwa għalhekk bżonnjuż illi jkunu argumentati b'mod ċar u li jkun fihom konklużjonijiet relevanti, preċiżi u bilanċjati. Ir-rapporti finali fuq diversi mill-każijiet eżaminati bħala parti mill-kampjun deher ċar li kienu ta' kwalità insuffiċċjenti. L-inadegwità l-iktar komuni kienet in-nuqqas ta' kalkolu ta' l-effett finanzjarju tal-frodi, għalkemm l-investigazzjonijiet normalment kienu relatati mal-misapproprjazzjoni tal-fondi.

### *Il-fażi ta' segwitu*

30. L-OLAF jiddistingwi bejn ħames tipi ta' segwiti:

a) segwitu finanzjarju, li huwa ntiż sabiex jagħmel ċert illi l-fondi misapproprjati mill-baġit tal-Komunità jiġu rkuprati;

b) segwitu amministrattiv, li għandu l-għan li jtejjeb il-proċeduri għall-ġestjoni tad-dħul u l-infiq tal-baġit;

c) segwitu ġudizzjarju, fejn l-għan huwa li jkun informat dwar kif mixjin il- proċeduri kriminali u eventwalment it-talbiet għal danni mill-istituzzjonijiet;

d) segwitu dixxiplinarju, fil-forma tad-determinazzjoni ta' x'azzjoni l-isituzzjonijiet beħsiebhom jieħdu b'risposta għar-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ufffiċċju ([2]);

e) segwitu leġislattiv, l-għan ta' liema huwa li tiġi emendata l-leġislazzjoni tal-Komunità sabiex issir inqas suxxettibbli għall-frodi.

31. Huwa diffiċli li jiġi determinat kemm ħin huwa fir-realtà wżat fuq is-segwitu. Madankollu, l-indikazzjonijiet disponibbli juru illi din m'hijiex l-attività prinċipali ta' l-unitajiet ikkonċeranti. Ġeneralment, l-attività ta' segwitu ta' l-Uffiċċju ipprovdiet ftit valur aġġuntiv, speċjalment fejn il-Kordinazzjoni u l-assistenza kienu kkonċernati (*Anness II*). Ir-rwol ta' l-Uffiċċju fis-segwitu finanzjarju għandu jiġi limitat għall-kalkolu ta' l-ammonti tas-somom li jridu jiġu rkuprati. Ladarba dawn jiġu magħrufa, huwa x-xogħol ta' l-uffiċjali awtorizzattivi fid-Direttorati Ġenerali operattivi u ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li johorġu ordnijiet ta' rkupru u li jiżguraw illi l-ħlas jiġi rċevut fid-data illi fiha jkun dovut. Min-naħa tiegħu, id-DĠ Baġit għandu jiżgura illi l-ordnijiet ta' rkupru jiġu rreġistrati malli jinħarġu u li l-uffiċjali awtorizzattivi jiġu rriferiti għad-DĠ Baġit mill-IDOC. Il-mobilitazzjoni tal-persunal ta' l-OLAF wara l-istadju tal-kalkolu ta' l-ammonti tas-somom li għandhom jiġu rkuprati huwa għalhekk duplikazzjoni ta' l-isforzi li diġà jkunu qed jiġu magħmula mill-uffiċjali awtorizzattivi.

32. Fil-każ speċjali tal-proċedura ta' l-assistenza reċiproka, fis-setturi tad-dwana u l-agrikoltura, ma hemm l-ebda segwitu sistematiku mill-Uffiċċju ([3]). L-Uffiċċju ma stabbilixxiex l-ebda regoli għall-monitoraġġ kontinwu u konsistenti tal-progress fil-qafas tal-proċeduri għat-talba ta' assitenza reċiproka bejn l-Istati Membri u r-reġistru tar-riżultati huwa nkomplet u mhux aġġornat.

### *Proċeduri ta' kontroll tal-kwalità*

33. In-nuqqasijiet identifikati fil-paragrafi preċedenti iqajjmu l-kwistjoni ta' l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-kwalità ta' l-uffiċċju.

### Il-manwal ta' l-OLAF

34. Il-Manwal ta' l-OLAF jiddeskrivi x-xogħol ta' kull dipartiment OLAF u l-maġġoranza tal-proċeduri amministrattivi attwali. Attivitajiet investigattivi huma koperti biss f'sezzjoni żgħira li tagħti dettalji tal-prattiċi eżistenti, b'referenza partikolarment għall-istadji fis-CMS. Hemm enfasi sproporzjonata fuq l-aspetti purament legali ta' l-operazzjonijiet, għad-detriment ta' l-aspetti prattiċi ta' l-organizzazzjoni u tat-tmexxija ta' l-investigazzjonijiet

([1]) Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jipprovdi espliċitament għall-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni neċessarja għall-investigazzjonijiet ta' l-OLAF.

([2]) Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet ta' l-Uffiċċju jitlob lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji sabiex jinfurmaw lill-Uffiċċju bl-azzjoni dixxipplinarja li għandha tittieħed b'risposta għar-rakkomandazzjonijiet ta' l-uffiċċju.

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 97, (ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 1).

u tar-rwol mistenni mill-partijiet differenti konċernati, partikolarment mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u mill-istruttura tal-ġestjoni ta' l-Uffiċċju. Ir-rwol tal-Bord Eżekuttiv, li huwa element kruċjali fil-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet, għandu jiġi spjegat f'iktar dettall.

**Is-sorveljanza tal-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet**

35. L-OLAF wiret il-kultura organizzattiva ta' l-UCLAF, taħt liema l-investigaturi mexxew il-parti l-kbira ta' l-investigazzjonijiet tagħhom f'isolament u mingħajr l-ebda sorveljanza ta' veru. Waqt li huwa veru illi hemm bżonn ta' kunfidenzjalità fl-investigazzjonijiet, huwa xorta waħda essenzjali għall-maniġment ta' uffiċċju investigattiv li jeżerċita superviżjoni bl-għan li jivverifika mhux biss illi l-investigaturi ma jitbiegħdux mill-għanjiet tagħhom, imma wkoll li l-proċeduri normali jiġu segwiti. Dan ma kienx dejjem il-każ. Soreveljanza ta' dan it-tip hija wkoll indipensabbli sabiex jiġi garantit l-użu xieraq tar-riżorsi.

36. Waqt li s-CMS u t-twaqqif ta' reġistru ġabu l-ordni meħtieġ għaż-żamma tar-rekords, għall-post fiżiku u għall-istruttura tal-fajls investigattivi, din is-sistema għad trid tiġi mibdula f'għodda ta' ġestjoni vera li tpoġġi lill-uffiċjali responsabbli fid-Direttorat ta' l-Investigazzjonijiet f'pożizzjoni fejn ikunu nfurmati aħjar bil-progress ta' l-operazzjonijiet li għalihom huma kompetenti, fejn jippreparaw il-miżuri neċessarji u fejn jassiguraw illi huma jiġu mwettqa fi żmien l-iskadenzi stipulati. B'konnessjoni ma' dan, il-prattika ta' rapporti kull xahar dwar kif inhuma mixjin l-affarijiet li ċerti unitajiet stabbilixxew fuq bażi sperimentali sabiex jimmonitorjaw mhux biss l-ammont ta' xogħol ta' l-investigaturi imma wkoll l-impatt finanzjarju reali ta' l-investigazzjonijiet magħluqa għandha tiġi estiża għall-unitajiet kollha tad-Direttorat ta' l-Investigazzjoni.

37. Ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet għadhom qed jiġu mmaniġjati b'mod fqir. Il-fatt illi tinbeda proċedura ta' segwitu ma jfissirx illi dan ħa jwassal għal riżultat konkret [1] (rkupru jew sanzjoni kriminali/dixxipplinari). Fi kliem ieħor, il-bidu ta' proċedura ta' segwitu m'hix indikatur relevanti tas-suċċess. Lanqas ma huwa sinifikanti l-fatt li ġew mgħoddija fajls lill-awtoritajiet ġudizzjarji. Dan minħabba li l-evidenza preżentata mill-uffiċċju tista' ma tkunx meqjusa bħala suffiċċjenti mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt illi l-atti li jikkostitwixxu l-offiża jistgħu jkunu preskritti. Għal dak li jirrigwarda l-investigazzjonijiet interni, meta l-Uffiċċju rnexxielu jiġbor evidenza li tikkonċerna offiżi kommessi minn persunal ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji, ħafna drabi kien diffiċli ħafna li l-każijiet jiġu meħuda mill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-pajjiżi fejn l-istituzzjonijiet milquta mill-offiżi huma lokalizzati [2], jew għax dawk l-awtoritajiet ma għandhomx proċeduri ċari għat-trasferiment ta' dawn il-każijiet għall-qrati tagħhom jew għaliex ma jagħtuhomx il-prijorità mixtieqa mill-Uffiċċju [3]. Fi Brussell u fil-Lussemburgu, il-postijiet ta' xogħol prinċipali ta' l-istituzzjonijiet, l-Uffiċċju għandu jiċċara mill-ġdid ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati il-passi prattiċi li għandhom jittieħdu sabiex każijiet li jiġu mgħoddija ma jkomplux jintilfu. Fuq kwistjoni relatata, ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Uffiċċju rigward azzjoni dixxiplinarja ma jiġux dejjem segwiti mill-istituzzjonijiet jew korpi konċernati.

**Il-verifika interna**

38. L-Unità ta' Verifika Interna, li tiġbor fiha żewġ aġenti temporanji tal-persunal, tirrapporta direttament lejn id-Direttur ta' l-Uffiċċju. Il-funzjoni prinċipali tagħha hija dik li żżomm lid-Direttur infurmat bl-effettività tal-proċeduri nterni ta' kontroll. Minn meta ġiet imwaqqfa fl-2001, ix-xogħol tagħha kkonċerna essenzjalment il-ġestjoni amministrattiva ta' l-Uffiċċju u l-attivitajiet mhux investigattivi. Hija ġiet ukoll mitluba tagħmel varjetà ta' hidmiet b'sostenn għall-maniġment u sabiex tipprovdi sostenn għat-*task force* li kienet imwaqqfa f'Lulju 2003 sabiex timmaniġġja l-fajls tal-każ ta' l-Eurostat.

39. L-Unità ta' Verfika Interna ma ppreżentat l-ebda rapport fuq ix-xogħol ta' investigazzjoni. Partikolarment, hija ma vvalutatx l-operazzjoni korretta tas-CMS jew l-affidabilità u r-relevanza ta' l-indikaturi tar-riżultati. Sa tmiem l-2004, minkejja l-analiżi tar-riskju tagħha stess, hija xorta ma kienitx ikkontribbwiet bl-ebda mod sinifikanti għat-titjib tas-sistemi għall-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet.

**Il-Kunsill Eżekuttiv ta' l-OLAF**

40. Bord Eżekuttiv magħmul mill-maġġoranza tal-kapijiet ta' l-unitajiet direttament jew indirettament responsabbli mill-investigazzjonijiet kien imwaqqaf fl-2002 taħt iċ-*chairmanship* tad-Direttur ta' l-Investigazzjonijiet. Dan jiltaqa darba fil-ġimgħa sabiex jeżamina r-rapporti li jiġu mdaħħla f'kull stadju f'investigazzjoni (valutazzjoni, egħluq u wara s-segwitu). Kien stabbilit sabiex jilħaq żewġ għanijiet:

a) itejjeb il-kwalità tar-rapporti billi jagħmlu użu mill-esperjenza tad-diversi servizzi;

b) jassigura l-konsistenza bejn id-deċiżjonijiet proposti lid-Direttur ta' l-Uffiċċju mid-diversi timijiet investigattivi.

(1) Ara d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komuntajiet Ewropej ta' l-10 ta' Lulju 2003, *Kummissjoni v EIB*, paragrafu 164.

(2) Speċifikament, il-Belġju u l-Lussemburgu.

(3) F'dan ir-rigward ara l-analiżi ta' l-Uffiċċju f'sezzjoni 1.3.2. tar-Rapport ta' Valutazzjoni Komplimentarju, SEC(2004)-1370 tas-26.10.2004, tiegħu.

41. Waqt illi din il-karatteristika ġdida mingħajr dubju hija avvanz fil-mod li bih il-każijiet huma mmaniġġjati, is-suċċess tagħha bħala mezz ta' ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet għadu limitat, partikolarment minħabba ż-żmien limitat li l-Membri tal-Bord għandhom sabiex jeżaminaw il-fajls kollha. Għalhekk minkejja l-intervenzjoni tal-Bord, l-investigazzjonijiet ġew mibdija fuq bażi ta' valutazzjoni żbaljata, dewmien fl-eżekuzzjoni tagħhom ma ġewx immonitorjati lil hinn mill-istadju ta' l-informazzjoni lill-Kumitat ta' Sorveljanza, u l-investigazzjonijiet jistgħu jiġu mgħoddija lill-unitajiet ta' segwitu qabel ma x-xogħol tas-sejba ta' l-informazzjoni jkun mitmum.

### Ir-rapporti ta' l-attivitajiet

42. L-operazzjonijiet kontra l-frodi huma t-tema ta' diversi rapporti, li kollha kemm huma huma parti mis-sorveljanza esterna ta' l-OLAF minħabba li huma ndirizzati lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. L-Uffiċċju jressaq rapport annwali ta' l-attivitajiet, il-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali fuq l-implimentazzjoni tal-politika tagħha għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tagħha, il-Kumitat ta' Sorveljanza ta' l-OLAF jagħmel rapport annwali u l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jitlob valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju wara' tlett snin mit-twaqqif.

43. Il-preżentazzjoni tar-rapporti ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju tjiebet matul is-snin. Ir-rappurtar sar iktar ċar issa li huwa sostnut minn data statistika tas-CMS u l-analiżi huma inqas iffukati fuq kwistjonijiet ta' liġi u l-politika ta' l-investigazzjoni, u iktar fuq każijiet prattiċi. L-affidabilità tad-data statistika għandha tiġi mtejba iktar billi l-operazzjonijiet jiġu reġistrati f'iktar dettall u billi l-fajls jiġu aġġornati iktar malajr. B'mod simili, r-rapporti l-iktar reċenti jistgħu jiġu mtejba, fis-sens illi l-attività hija analizzata f'termini tal-volum tagħha flok skond ir-riżultati miksuba. B'konnessjoni ma' dan, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 12.3 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jitlob lid-Direttur sabiex jirrapporta…fuq is-sejbiet ta' l-investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju. Rigward l-ammonti rkuprati, l-informazzjoni hija inaffidabbli għaliex id-data li ġejja mill-Istati Membri hija nieqsa mill-konsistenza u mhux ikkorroborata ([1]). Rigward il-konsegwenzi ġuridiċi, iż-żmien disponibbli m'huwiex biżżejjed sabiex jippermetti xi valutazzjoni ta' l-effettività tax-xogħol ta' l-Uffiċċju, waqt li n-numru ta' proċeduri dixxipplinarji relatati ma' l-investigazzjonijiet interni għadu żgħir ħafna. Sabiex jagħti kont ta' l-attivitajiet tiegħu b'mod illi huwa kemm trasparenti kif ukoll relevanti, l-Uffiċċju għandu jidentifika u jaġġorna regolarment indikaturi li jiffukaw mhux biss fuq il-volum ta' l-attivitajiet tiegħu imma wkoll fuq ir-riżultati (suċċess jew falliment) ta' l-investigazzjonijiet tiegħu ([2]) (ara paragrafu 39), inklużi dawk magħmula b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Għadu diffiċli li jiġi determinat x'kienu r-riżultati effettivi ta' l-investigazzjonijiet.

## IL-KONTRIBUZZJONI MAGĦMULA MID-DIPARTIMENTI TA' L-OLAF GĦAX-XOGĦOL INVESTIGATTIV TIEGĦU

### *Introduzzjoni*

44. L-għan ta' din it-tieni sezzjoni huwa li tiġi valutata l-effettività tal-kontribuzzjoni magħmula mis-servizzi ta' l-Uffiċċju għax-xogħol amministrattiv tiegħu. B'konnessjoni ma' dan, huwa xieraq li jiġi mfakkar illi f'Novembru 2003 il-President tal-Kummissjoni tkellem dwar ir-riffokar ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF fuq l-irwol investigattiv tiegħu ([3]).

### *Intelliġenza, Strateġija Operattiva u Servizzi ta' Informazzjoni*

45. Id-Direttorat Ċ huwa magħmul minn tlett unitajiet (ara *Anness I*). L-ewwel wieħed jieħu ħsieb kwistjonijiet ta' strateġija kontra l-frodi, analiżi ta' tendenzi u tar-riskji fuq terminu twil kif ukoll tad-*database* ta' l-irregolaritajiet rapportati mill-Istati Membri. It-tieni wieħed huwa responsabbli għall-informazzjoni u għat-teknoloġija għar-reġistrazzjoni tal-każijiet. B'mod partikolari, din l-unità waqqfet u żammet għaddejja s-sistema tal-ġesjoni tal-każijiet (CMS) (ara paragrafu 17). It-tielet unità tipprovdi *software* u għodda tekniċi sabiex issostni l-investigazzjonijiet magħmula mill-persunal tad-direttorat ta l-investigazzjonijiet. Hija tista' wkoll tipprovdi assistenza operattiva ([4]) għas-servizzi ta' nkjesta fl-Istati Membri.

46. L-Unità responsabbli għall-analiżi strateġika għandha tippermetti lill-Uffiċċju mhux biss li jsegwi d-denunzji, imma li jibda numru ta' nkjesti bbażati fuq l-analiżi tar-riskju mmirat magħmula mill-Uffiċċju nnifsu f'kollaborazzjoni, fejn hu xieraq, ma' dawk li huma ekwivalenti għalih fl-Istati Membri. Għalkemm din l-unità ilha teżisti għal sentejn, l-intervenzjonijiet tagħha sa llum ma kellhom l-ebda impatt dirett fuq l-attività investigattiva ([5]).

47. Oqsma eżaminati mill-unità li setgħu wasslu għal investigazzjonijiet ġodda kienu jinkludu informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri rigward ir-Regolamenti (KEE) Nru 595/91 ([6]) u (KE) Nru 1681/94 dwar l-irregolaritajiet misjuba fl-oqsma ta' l-Agrikoltura u l-Fondi Strutturali. L-unità kkonkludiet illi l-kwalità tad-data kienet ġeneralment inadegwata sabiex din tiġi wżata.

([1]) Fir-Rapport Annwali tagħha rigward is-sena finanzjarja 2000, il-Qorti ndikat (paragrafu 7.49) illi ma kien hemm l-ebda sistema għar-reġistrazzjoni ġenerali tar-riżultati tad-diversi nkjesti u ammonti rkuprati.

([2]) F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti ta' l-investigazzjoni u l-konsegwenzi dixxipplinarji jew legali li jiġu fil-fatt attribbwiti lilhom. Bl-istess mod, għandha ssir distinzjoni bejn l-ammonti mitluba sabiex jiġu rkuprati u l-fondi eventwalment irkuprati.

([3]) Diskors tal-President Prodi quddiem il-Kumitat fuq il-Kontoll tal-baġit tal-Parlament Ewropew fit-18 ta' Novembru 2003.

([4]) Assistenza mogħtija permezz tal-ġestjoni ta' sistemi għar-reġistrazzjoni u komunikazzjoni ta' każijiet ta' frodi misjuba mill-Istati Membri (AFIS, ECR eċċ.).

([5]) Il-ħames rapport ta' l-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi (Lulju 2003 — Ġunju 2004) paragrafu 3.1.1.

([6]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 3/2004, ta' l-10 ta' Ġunju 2004, (ĠU Ċ 269, ta' l- 4.11.2004).

48. Għall-analiżi strateġiċi, l-unità kellha problemi t'aċċess għal diversi *databases* ta' l-Istituzzjonijiet. Fil-fatt, is-servizzi tagħhom qalu li huma kkonċernati mill-użu li Uffiċċju jista' jagħmel mill-aċċess ġenerali għal *databases*, għal liema dispożizzjonijiet relatati mas-sigurtà tad-data personali, japplikaw (Regolament (KE) Nru 45/2001). Ma kien hemm l-ebda diskussjoni fil-fond ta' dan il-punt delikat mal-Kumitat ta' Sorveljanza għalkemm huwa kruċjali jekk l-Uffiċċju jrid jadottata approċċ iktar sistematiku u pro-attiv għall-ftuħ ta' l-investigazzjonijiet interni.

49. Reċentement, jidher li kien hemm żieda regolari fit-talbiet għal assitenza mis-servizzi investigattivi rigward l-intelliġenza operattiva, li tikkonsisti b'mod partikolari fil-konsultazzjoni tad-*databases*. F'nofs l-2004 l-unità ta' l-intelliġenza operattiva kienet qed taħdem l-aktar fuq invetigazzjonijiet li jikkonċernaw l-agrikoltura u d-dwana, li mhumiex fil-prijoritajiet investigattivi ta' l-OLAF stabbiliti mid-Direttur.

50. F'dik li l-Uffiċċju jsejjaħ il-pjattaforma tas-servizzi tiegħu, l-unità ta' l-intelliġenza operattiva tiddedika parti sinifikanti mir-riżorsi tagħha sabiex tagħti sostenn lill-Istati Membri fl-oqsma tad-dwana u ta' l-agrikoltura. Iż-żewġ attivitajiet li ġejjin ikunu iktar f'posthom f'servizzi oħra tal-Kummissjoni:

a) it-tħaddim tas-sistema ta' informazzjoni kontra l-frodi (AFIS), li tippermetti lill-Istati Membri kif ukoll lill-OLAF sabiex jirċievu u jqassmu informazzjoni dwar il-frodi. [1];

b) il-ġestjoni ta' programmi ffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u mmirati sabiex isaħħu l-infrastruttura tas-servizzi tad-dwana fl-Istati Membri.

### *Politika, Leġislazzjoni u Affarijiet Legali*

51. Id-Direttorat A jinkludi fih sitt unitajiet (ara *Anness I*). Tlieta minn dawn l-unitajiet jieħdu ħsieb l-operazzjonijiet ta' segwitu (ara paragrafi 30-32) u s-sostenn lil-investigaturi fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw il-leġislazzjoni settorjali. Għalkemm l-irwol preċiż ta' dawn it-tlett setturi jvarja skond is-setturi għal liema huma responsabbli, huma għandhom żewġ funzjonijiet: waħda li għandha x'taqsam ma' investigazzjonijiet u l-oħra li tagħti sostenn lid-Direttorati-Ġenerali operattivi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-politika fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji.

52. F'termini ta' investigazzjonijiet, dawn it-tlett unitajiet jipprovdu analiżi relatata mar-regoli settorjali u mar-regolamenti. Huma jsegwu wkoll l-irregolaritajiet notifikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. L-opinjonijiet mogħtija minn dawn l-unitajiet fuq materji legali u finanzjarji, partikolarment dawk mogħtija f'każijiet fl-istadju tal-valutazzjoni kkontribwew għal titjib fil-kwalità ta' l-investigazzjonijiet, partikolarment fl-oqsma tan-nefqa diretta u ta' l-attività esterna.

[1] L-unità Ċ.2 hija nvoluta fil-ġestjoni teknika tas-sistema AFIS, għal liema l-uffiċċju jkollu bżonn l-aċċess anke kieku kienet ġestita minn servizz ieħor tal-Kummissjoni.

53. Għar-rigward tas-sostenn lid-Direttorati-Ġenerali operattivi tal-Kummissjoni, dawn jipparteċipaw fl-iskrutinju tal-leġislazzjoni mill-perspettiva ta' kemm hija reżistenti u mhux suxxettibbli għall-frodi. Ir-rwol tagħhom jikkonsisti fil-proponiment ta' miżuri preventivi, bl-użu ta' l-esperjenza li l-Uffiċċju akkumula waqt l-investigazzjonijiet tiegħu.

54. F'paragrafu 53 tar-Rapport Speċjali tagħha dwar l-irkupru ta' pagamenti rregolari taħt il-Politika Agrikola Komuni [2], il-Qorti kkonkludiet illi kien għad hemm konfużjoni dwar l-irwol ta' l-OLAF fis-segwitu ta' irregolaritajiet innotifikati mill-Istati Membri, għaliex id-diviżjoni tar-reponsabbiltajiet bejn l-Uffiċċju u d-DĠ Agrikoltura m'hix ċara ħafna. Dan naqqas l-effettività tal-mekkaniżmi għall-irkupru ta' ammonti li ġew imnaqqsa b'mod żbaljat mill-baġit tal-Komunità. Għalkemm il-verifika tal-Qorti ħarset biss ftit lejn is-segwitu għal irregolaritajiet notifikati rigward dwana u Fondi Strutturali, l-istess mistoqsijiet dwar it-tqassim tar-responsabbilitajiet iqumu wkoll f'dak il-każ. Ġeneralment, l-operazzjonijiet ta' segwitu għandhom tendenza illi jieħdu r-riżorsi l-bogħod mill-uffiċċju, għad-detriment ta' l-irwol investigattiv tiegħu, u għall-benefiċċju tad-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni.

55. Mit-tlett unitajiet l-oħra tad-Direttorat A, madwar terz tar-riżorsi (12-il aġent) fl-unità ta' l-affarijiet legali huma mpenjati fl-għotja t'opinjonijiet legali ġenerali (non-settorjali) lid-Direttorat ta' l-Investigazjzonijiet. Din hija funzjoni bżonnjuża minħabba li tikkumplimenta l-opinjonijiet settorjali li l-unitajiet ta' segwitu jipprovdu. Madanakollu, huwa inqas ċar jekk l-l-attivitajiet l-oħra li l-unità tiżvolġi, partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-istrateġija għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji, humiex parti mix-xogħol prinċipali ta' l-Uffiċċju u jekk l-OLAF huwiex fl-aħjar pożizzjoni sabiex jieħu ħsiebhom. L-istess jista' jingħad għaż-żewġ unitajiet l-oħra (Protezzjoni ta' l-euro u Sostenn għall-kumitati konsultattivi fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji.)

### *Unitajiet li jirrapportaw direttament lid-Direttur ta' l-OLAF*

56. Minbarra s-servizz tal-verifika interna, erba' unitajiet huma direttament reponsabbli lejn id-Direttur ta' l-Uffiċċju (ara *Anness I*).

### L-Unità tal-Maġistrati

57. Għalkemm tirrapporta lid-Direttur ta' l-Uffiċċju, din l-unità suppost taqdi żewġ rwoli marbuta mill-viċin mal-funzjoni investigattiva:

a) tagħti sostenn fl-investigazzjonijiet f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi ġuridiċi fl-Istati Membri;

b) tiżgura, meta każijiet jiġu trasferiti għall-awtoritajiet ġuridiċi nazzjonali, trasferiment mingħajr problemi, tal-fajls ta' l-Uffiċċju lill-prosekuturi pubbliċi fil-pajjiżi konċernati.

[2] Ara Rapport Speċjali Nru 3/2004.

58. L-Unità tal-Maġistrati kellha ftit involviment fix-xogħolijiet ta' valutazzjoni u ta' investigazzjoni. L-azzjoni ta' l-unità spiss waslet tard, li ma wassalx dejjem għall-vantaġġ sħiħ li setgħa jiġi meħud mill-kompetenzi li hija għandha, u dan affettwa l-kwalità ta' ċerti rapporti investigattivi. Fil-qasam tan-nefqa diretta, il-maġistrati kienu nvoluti mill-bidu tax-xogħol ta' l-investigaturi mit-tieni parti ta' l-2003-il quddiem. Kieku din il-prattika kellha tiġi estiża għall-oqsma kollha li fihom l-Uffiċċju huwa nvolut, ikun iktar faċli li jiġi determinat jekk l-evidenza disponibbli hijiex biżżejjed jew jekk hemmx bżonn ta' iktar evidenza sabiex tippermetti li investigazzjoni tiġi konkluża permezz tat-trasferiment tal-fajl lill-awtoritajiet dixxipplinarji jew ġudizzjarji kompetenti bi prospetti tajbin ta' suċċess.

**L-Unità għat-taħriġ u s-sostenn lill-Pajjiżi Kandidati**

59. Bħala parti mit-tkabbir ta' l-Unjoni, unità speċjali ġiet mogħtija r-responsabbiltà sabiex timplimenta programm ta' 15-il miljun euro finanzjat mill-programm Phare. Din l-attività hija skedata sabiex tkompli, fil-prinċipju sa l-2006. Fl-2004 ġiet mogħtija r-responsabbiltà għal programm ta' sostenn ieħor għall-Pajjiżi Membri ġodda (il-programm Hercules, b'finanzjament ta' 11,7 miljun euro). Bħal fil-każ ta' l-inizjattivi kontra l-falsifikazzjoni, m'huwiex l-irwol ta' l-Uffiċċju li jsir il-maniġer tal-programmi ta' l-infiq.

60. L-unità għandha wkoll fil-prinċipju r-responsabbilità għat-taħriġ kontinwu fl-Uffiċċju. Jidher pero' li din l-attività ġiet mitluqa. Il-missjoni ta' din l-unita' għandha għalhekk tiġi valutata mill-ġdid.

**L-Unità għar-riżorsi umani u l-baġit**

61. Id-dimensjoni ta' din l-unità, u n-nefqa amministrattiva ta' l-OLAF in ġenerali, hija inqas milli kienet tkun kieku l-Uffiċċju ma kienx amministrattivament konness mal-Kummisjoni. B'riżultat, l-OLAF jiffranka ekonomikament b'mod sinifikanti permezz ta' l-użu tas-servizzi ta' numru kbir ta' dipartimenti fid-Direttorat-Ġenerali Amministrazzjoni tal-Kummissjoni, mingħajr ma jippreġudika l-indipendenza tal-funzjoni investigattiva tiegħu.

***Riżorsi Umani***

62. Iż-żieda qawwija fin-numru ta' postijiet tax-xogħol mill-1999 tirrifletti d-determinazzjoni ta' l-awtorità tal-baġit li ssaħħaħ il-funzjoni investigattiva ta' l-Uffiċċju. Madankollu, in-numru ta' postijiet tax-xogħol ġodda m'huwiex ibbażat fuq xi studju mmirat sabiex jiġu determinati l-bżonnijiet ta' l-Uffiċċju għal dak li għandu x'jaqsam ma' persunal b'rigward għall-istrateġija adottata u l-ammont ta' xogħol.

63. Parti kbira miż-żieda fin-numru tal-persunal saret permezz ta' postijiet tax-xogħol b'kuntratt temporanju. B'konsegwenza, in-numru ta' postijiet temporanji fil-kategoriji A u B żdied minn 12 fl-1999 għal 127 fl-2001. Fil-lista tal-postijiet għall-2004, dawn il-postijiet ammontaw għal 55 % tat-total ta' l-aġenti fil-kategoriji A u B. In-numru kbir ta' postijiet temporanji kien konsegwenza tal-proċedura tal-baġit għas-sena finanzjarja 2001, meta l-mira f'dak iż-żmien kienet li jinbidel il-persunal ta' l-investigazzjonijiet serji li kien ġej mill-UCLAF ([1]). Issa li dan l-objettiv intlaħaq, is-sitwazzjoni preżenti tippreżenta iktar problemi milli toffri vantaġġi:

a) minħabba li numru ta' investigaturi ġew impjegati mis-servizzi ta' sorveljanza fl-Istati Membri, parti kbira minnhom kellhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-qafas ġudizzjarju u istituzzjonali, kif ukoll mal-proċeduri ta' l-implimentazzjoni applikabbli għall-baġit tal-Komunità. Dan l-eżerċizzju kien iktar diffiċli minħabba illi b'mod differenti minn dik li hija prattika fid-DĠ Kompetizzjoni u d-DĠ Kummerċ ([2]), l-Uffiċċju jipprovdi biss taħriġ tal-bidu limitat għall-investigaturi li jimpjega;

b) il-parti l-kbira tal-kuntratti temporanji li jeżistu bħalissa ser jaslu fi tmiem tat-tieni u l-aħħar terminu ta' tlett snin tagħhom bejn l-2007 u l-2009 ([3]). Minħabba illi l-membri tal-persunal konċernati jkollhom imbagħad jitilqu mill-Uffiċċju, hemm riskju għoli illi dan it-tagħrif kollu miġbur u din l-esperjenza jintilfu fi żmien qasir.

64. Minħabba l-komplessività tal-kuntest Komunitarju, l-investigaturi huma obbligati juru versatilità u adattabilità. Minħabba li mhuwiex faċli ssib kombinazzjoni ta' dan il-kwalitajiet, din hija raġuni serja sabiex tingħata prijorità ikbar lill-istabilità fil-programmi ta' reklutaġġ u ta' taħriġ. Għalhekk, ikun xieraq li wieħed jerġa' jħares lejn il-lista tal-postijiet sabiex jipprovdi lill-investigaturi b'sitwazzjonijiet ta' impjieg li huma inqas prekarji u b'possiblitajiet ta' karriera reali. Dan l-għan jista' jiġi milħuq gradwalment permezz tat-tibdil ta' xi postijiet skond kif il-proċeduri tal-baġit tal-futur ikunu jippermettu.

65. Fl-istess ħin, l-amministraturi l-iktar esposti għall-problemi ta' frodi u tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ikunu nkoraġġati sabiex jagħmlu disponibbli lis-servizzi analitiċi (u ta' l-intelliġenza) ta' l-Uffiċċju numru ikbar ta' esperti nazzjonali sekondati. Sforz partikolari f'din id-direzzjoni jista' jsir rigward is-servizzi ta' l-Istati Membri li jiġu msejħa sabiex jikkollaboraw ma' l-Uffiċċju.

---

(1) Barra minn hekk, in-numru ta' postijiet tax-xogħol permanenti fil-kategoriji A u B żdied minn 107 fl-1999 għal 143 fl-2000, u mbagħad reġa' niżel għal 109 fl-2001.

(2) Dawn id-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni jagħmlu użu konsiderevoli ta' timijiet ta' l-investigazzjoni ta' livell għoli.

(3) Fir-Rapport Speċjali Nru 8/88, il-Qorti kienet diġà indikat illi n-numru għoli ta' persunal temporanju kien qed iwassal għal nuqqas ta' kontinwità fl-organizzazzjoni.

**IL-KUMITAT TA' SORVELJANZA**

66. Il-Kumitat ta' Sorveljanza ġie mwaqqaf mill-atti tat-twaqqif ta' l-OLAF ([1]). "Il-Kumitat tas-Sorveljanza għandu jsaħħaħ l-indipendenza ta' l-Uffiċċju b'sorveljanza regolari mill-qrib ta' l-implimentazzjoni tal-funzjoni investigattiva." ([2]) Huwa għandu wkoll, "fuq talba tad-Direttur jew fuq inizjattiva tiegħu stess,"… [jagħti] opinjonijiet lid-Direttur dwar l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju, mingħajr madankollu ma jfixkel it-tmexxija ta' l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. ([2]) Fil-prattika, fuq bażi tal-konsiderazzjoni numru 10 tar-Regolament (KE) Nru 1073/99, il-Kumitat ta' ħafna mill-attenzjoni tiegħu lil waħda mir-regoli ta' proċedura tiegħu stess, taħt liema huwa jagħmel ċar li ħa jiżgura li l-Uffiċċju jirrispetta l-prinċipji tad-drittijiet individwali u tal-libertajiet fundamentali, partikolarment rigward l-investigazzjonijiet interni ([3]).

67. L-eżerċizzju tal-mandat tal-Kumitat ta' Sorveljanza huwa wieħed delikat f'diversi aspetti. Il-Kumitat irid ikun garanti kemm ta' l-indipendenza ta' l-Uffiċċju kif ukoll tad-drittijiet tal-persuni taħt investigazzjoni. Biex jagħmel dan, il-leġislazzjoni ma tagħtih l-ebda dritt ta' deċiżjoni. Billi rrestinġa d-dikjarazzjonijiet tiegħu għal kwistjonijiet ta' prinċipju, huwa qiegħed jistabbilixxi duttrina li ma għandha l-ebda effett reali fuq l-investigazzjonijiet. Finalment, minħabba li l-Kumitat ma jistax jintervjeni waqt il-kors ta' l-investigazzjonijiet, huwa bl-ebda mod ma jikkostitwixxi mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-legalità ta' l-investigazzjonijiet waqt li huma jkunu qed jitmexxew.

68. Rigward il-monitoraġġ tal-proċedura li tiġi segwita fl-investigazzjonijiet, diversi każijiet reċenti juru l-eżistenza ta' sovrappożizzjoni bejn l-irwoli tal-Kumitat ta' Sorveljanza u l-Ombudsman Ewropew. Għalhekk, bejn Settembru 2003 u Mejju 2004 il-Kumitat iddibatta dwar l-intervenzjonijiet ta' l-ombudsman f'inkjesti individwali ta' l-Uffiċċju, waqt sebgħa mill-laqgħat tiegħu. Barra minn hekk, l-Uffiċċju ma jieħux ħsieb l-ilmenti li l-persuni taħt investigazzjoni jindirizzaw lid-Direttur ta' l-Uffiċċju, li jibqa' liberu li jieħu ħsiebhom kif jaħseb li hu xieraq.

69. Għalkemm il-Kumitat ma jistax jinterferixxi fil-ġestjoni ta' l-Uffiċċju, jiġifieri ma jistax jintervjeni la fl-attivitajiet mhux investigattivi u lanqas f'kif jitmexxew l-investigazzjonijiet:

a) huwa għandu jiġi nfurmat bi kwalunkwe investigazzjonijiet mhux mitmuma sa disa' xhur minn meta jkunu bdew; fil-prattika, meta informazzjonijiet bħal dawn jiġu riferiti lill-Kumitat normalment ma jkollhom l-ebda konsegwenza prattika;

b) huwa għandu jeżamina l-abbozz tal-baġit ta' l-Uffiċċju ([4]) fid-dettall, għalkemm dan il-baġit għandu x'jaqsam ukoll ma' attivitajiet oħra barra l-investigazzjonijiet. Fil-prattika, dan l-eżami huwa formalità minħabba li l-Kumitat, li mhuwiex l-id ta' l-awtorità tal-baġit, ma għandu l-ebda responsabbiltà f'dan ir-rigward;

c) huwa talab li jkun infurmat bil-quddiem f'każijiet li jridu jiġu riferuti lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ([5]). Madanakollu, minħabba illi l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali spiss huwa stadju f'investigazzjoni li jitkompla bis-sostenn ta' dawn l-awtoritajiet u minħabba illi l-att li jiġu nfurmati huwa att sovran mid-Direttur ta' l-Uffiċċju, komunikazzjoni minn qabel lill-Kumitat jista' jkun sors ta' interferenza;

d) fir-Regoli ta' proċedura l-Kumitat jitlob lid-Direttur jagħtih drittijiet li jmorru lil hinn minn dawk provduti fil-kostituzzjoni legali tiegħu (dritt li jiġi nfurmat dwar ir-reklamazzjonijiet li jirċievi d-Direttur ([6]), dritt li jiġi nfurmat bl-inizjattivi leġislattivi li jieħu l-Uffiċċju rigward il-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ([7]), aċċess għad-dokumenti u d-*dossiers* kollha ta' l-OLAF ([8]), mezzi proprji tal-baġit ([9]), l-impjieg ta' persunal ta' segretarjat ([10]), deċiżjoni dwar il-post fejn jinsab is-segretarjat ([11]) eċċ.).

70. Minn meta ġie appuntat id-Direttur ta' l-Uffiċċju, l-indipendenza tiegħu qatt ma kienet mhedda ([12]). Fil-prattika, il-Kumitat iffoka l-iktar l-attenzjoni tiegħu fuq kwistjonijiet relatati ma' l-osservanza ta' l-Uffiċċju tad-drittijiet individwali fl-investigazzjonijiet interni u ddeplora n-nuqqas ta' kodiċi ta' proċedura sabiex tagħti qafas b'saħħtu lill-azzjonijiet investigattivi. L-iffokar ta' l-attenzjoni tal-Kumitat fuq l-inkejsti interni u fuq id-drittijiet individwali affettwat ir-relazzjoni bejn id-Direttur ta' l-Uffiċċju u l-Kumitat.

71. Billi segwa l-politika ta' l-Uffiċċju, l-Kumitat ta' Sorveljanza ta prijorità lid-destinazzjoni kriminali ta' l-investigazzjonijiet interni, minkejja l-fatt illi l-ġlieda kontra l-frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet tmur ferm lil hinn mill-limiti ta' l-istituzzjonijiet, u li diversi frodi jsiru mingħajr kollużjoni

([1]) Deċiżjoni Nru 1999/352/CE, KEFA, Euratom, Artikolu 4.
([2]) Regolament (KE) Nru 1073/99, Artikolu 11, paragrafu 1.
([3]) Regoli ta' Proċedura tas-17 ta' Novembru 1999, Artikolu 2 (ĠU L 41, tal-15.2.2000).

([4]) Konsultazzjoni mal-Kumitat mid-Direttur skond l-Artikolu 6 paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom mingħajr il-bżonn ta' avviż formali.
([5]) Waqt illi r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jgħid illi l-Kumitat għandu jiġu nfurmat bil-każijiet li d-Direttur ta' l-Uffiċċju jgħaddi lill-awtoritajiet ġudizzjarji imma ma jispeċifikax meta din l-informazzjoni għandha tiġi mogħtija, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat (Artikolu 22.5) jistabbilixxu l-prinċipju ta' l-informazzjoni minn qabel.
([6]) Artikolu 22.6.
([7]) Artikolu 22.7.
([8]) Artikolu 3.b.
([9]) Artikoli 4.5. 19.7 u 25.
([10]) Artikoli 19.1 u 19.2.
([11]) Artikolu 19.4.
([12]) Anki fl-eqqel tal-kriżi tal-Eurostat fl-2003, il-Kummissjoni qagħdet attenta li ma tinterferixxix fit-tmexxija ta' l-inkjesti.

mal-persunal ta' l-istituzzjonijiet jew tal-korpi relatati. Għalkemm l-Artikoli 7.1 u 7.3 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jitolbu illi l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji għandhom jgħaddu lill-Uffiċċju mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni li għandha x'taqsam ma' każijiet possibbli ta' frodi u korruzzjoni u li l-Istati Membri għandhom ukoll jibgħatu … kwalunkwe dokument jew informazzjoni kkunisdrata pertinenti … li għandha x'taqsam mal-ġlieda kontra l-frodi u kwalunkwe attività llegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, il-Kumitat ta' Sorveljanza qatt ma studja l-kondizzjonijiet li fihom l-aġenziji ta' l-Istati Membri qdew dan id-dmir, għalkemm huwa essenzjali għall-attivitajiet investigattivi ta' l-Uffiċċju ([1]).

72. Sabiex ikun jista' jiddiskuti mistoqsijiet relatati mat-tmexxija ta' l-inkjesti b'tagħrif sħiħ tal-fatti, is-segretarjat tal-Kumitat jeżamina l-fajls ta' l-investigazzjonijiet magħluqa li huwa jagħżel fuq bażi ta' kriterja determinata f'konsultazzjoni maċ-*Chairman*. In-numru ta' fajls eżaminati reċentement kien ta' 17 ([2]) fl-2003 u 7 fl-ewwel sitt xhur ta' l-2004. Dawn l-eżminazzjonijiet huma s-suġġett ta' rekords dettaljati ta' valutazzjoni li spiss jinkludu rakkomandazzjonijiet pertinenti jew materji importanti ta' prinċipju. Dawn ir-rekords ma jiġux komunikati lill-Uffiċċju. Attitudni iktar miftuħa mhux biss tkun ta' benefiċċju għar-relazzjonijiet bejn is-servizzi imma tippermetti lill-partijiet kollha sabiex jibbenefikaw mill-aħjar prattika, u b'hekk tikkontribwixxi sabiex tissaħħaħ il-funzjoni investigattiva.

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

73. L-Uffiċċju wettaq diversi miżuri ta' riorganizzazzjoni sostanzjali f'Novembru 2003. Fi żmien il-verifika, kien evidenti illi fil-bidu ta' l-2004 kien għadu għaddej jieħu ħsieb dak li huwa wiret mill-passat, mill-UCLAF, il-predeċessur tiegħu, u li l-miżuri l-ġodda kienu għadhom kif bdew juru effett (ara paragrafu 10).

***Effiċjenza u effettività ta' l-investigazzjonjiet***

74. Il-politika investigattiva ta' l-Uffiċċju għadha inċerta, kemm rigward il-kwistjoni li jimxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess, l-immaniġġjar tal-prijoritajiet, il-proċeduri ta' kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri kif ukoll dwar l-iċċekkjar ta' skadenzi. Similarment, linji gwida fuq ir-riżultati li jridu jiġu milħuqa għadhom vagi minħabba illi l-aspetti dixxiplinarji u finanzjarji jistgħu jiġu skartati għall-vantaġġ tal-proċessi ġudizzjarji, ir-riżultat ta' liema huwa spiss wieħed remot u inċert (ara paragrafi 19, 20 u 25).

*Ladarba l-prinċpji ta' gwida ta' l-investigazzjonijiet tagħha jkunu ġew speċifikati f'termini tar-riżultati li jridu jiġu milħuqa flok sempliċement fuq dawk l-oqsma fuq liema jkun jixtieq jiffoka l-attivitajiet tiegħu, l-introduzzjoni ta' indikaturi ta' l-esekuzzjoni (minflok sempliċi indikaturi ta' l-attività) għandha tagħmilha possibbli li jiġi stmat sa fejn l-għażliet ta' l-Uffiċċju kienu ġustifikati.*

75. Is-sistema tat-tehid tad-deċiżjonijiet li tirregola d-diversi stadji ta' l-investigazzjonijiet saret iktar trasparenti (ara paragrafu 16). Dan l-aktar minħabba l-intervenzjoni tal-Bord Eżekuttiv u l-introduzzjoni ta' rapporti standard (ara paragrafu 41).

76. Il-fatt illi l-operazzjonijiet ta' Kordinazzjoni u ta' assistenza huma trattati l-istess bħall-investigazzjonijiet jagħmel il-kontroll tar-riżorsi diffiċli u jirriżulta f'użu li jieħu ħafna ħin tas-sistema tas-CMS, anke jekk l-Uffiċċju ma għandu l-ebda obbligazzjoni, fil-każijiet ta' kordinazzjoni u ta' assistenza, li jiġbor u jipproduċi l-evidenza huwa nniffsu (ara paragrafi 13 u 14).

*Ikun utli jekk tiġi rrikonsidrata l-organizzazzjoni ta' l-Uffiċċju rigward l-operazzjonijiet ta' kordinazzjoni u ta' assistenza u li tiġi nvestigata l-possibilità li tiġi kreata unità speċjali, dedikata għal dawn l-operazzjonijiet, bħala parti mill-pjattaforma ta' servizzi.*

77. Rigward xogħol preliminari (valutazzjonijiet), l-analiżi għadhom rudimentali. L-unitajiet ta' sostenn (maġistrati, segwitu u analiżi operattiva) ma tantx kellhom sehem fl-iffissar ta' l-għanijiet u fl-ippjanar ta' l-istrateġija li trid tiġi adottata f'kull investigazzjoni. Il-Bord Eżekuttiv ma nsistiex biżżejjed fuq il-bżonn ta' formulazzjoni ċara ta' l-għanijiet u tar-riżultati mistennija mill-investigazzjonijiet (ara paragrafi 20 u 22).

*Ċerti atti investigattivi għad iridu jiġu ġustifikati b'mod iktar konvinċenti, l-għanijiet iffissati għall-investigaturi f'kull każ iridu jiġu ċċarati u jrid ikun hemm iktar insitenza fuq programmi ta' xogħol sabiex jiġu sostnuti d-deċiżjonijiet proposti. Rigward il-Bord Eżekuttiv, ikun utli li jiġu kkunsidrati raggruppamenti iżgħar fejn kull wieħed minnhom iġib flimkien persuni li jkunu qed jaħdmu fuq fajls li jkollhom karatteristiċi komuni ([3]) . Dan l-approċċ inaqqas l-ammont tax-xogħol fuq l-eżami tal-fajls għall-parteċipanti u jinkoraġġixxi analiżi iktar raġonevoli u dettaljata tad-deċiżjonijiet abbozzati. Huwa jippermetti wkoll segwitu koordinat tal-portfolio tal-każijiet kurrenti u l-introduzzjoni ta' sistema ta' prijorità. Xejn ma jtellef lis-sotto-gruppi tal-Bord Eżekuttiv milli jiltaqgħu flimkien, jekk ikun hemm bżonn, sabiex jieħdu ħsieb materji ta' prinċipju li fihom is-servizzi kollha jkollhom interess.*

([1]) Ara wkoll id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 illi jobbliga lill-Istati Membri jagħtu kwalunkwe assistenza neċessarja, bħala parti mill-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji.

([2]) Inklużi 14-il investigazzjoni interna.

([3]) Per eżempju dħul u nefqa tal-ġestjoni mħallta, nefqa tal-ġestjoni diretta, investigazzjonijiet interni eċċ.

78. Is-sorveljanza ta' l-investigazzjonijiet mill-maniġment ta' l-Uffiċċju spiss irriżultat inadegwata (ara paragrafi 28, 35 u 36). It-tul ta' l-investigazzjonijiet ma ġiex taħt kontroll (ara paragrafu 24).

*Il-Kapijiet ta' l-unità għandhom jiżguraw illi l-prijoritajiet jiġu kemm jista' jkun rispettati u jridu kemm ikunu jafu u kemm jikkontrollow l-ammont ta' xogħol reali ta' l-investigaturi. Minn dan l-aspett, l-Uffiċċju jrid jagħmel użu aħjar mill-mezzi li għandu disponibbli (smigħ ta' xhieda, żjarat fuq il-post sabiex jinġabru dokumenti, analiżi operattivi eċċ.).*

79. Ma teżisti l-ebda sistema sabiex jitkejjel l-ammont taxxogħol reali ta' l-investigaturi jew iż-żmien li huma jieħdu fuq l-investigazzjonijiet (ara paragrafu 26).

*Sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin, marbuta ma' pjanijiet ta' xogħol li jinkludu stimi tal-ħin li jrid jiġi wżat fuq l-investigazzjonijiet, toffri bażi għal aġġustament aħjar ta' l-ammont tax-xogħol marriżorsi disponibbli fl-unitajiet varji tad-Direttorat ta' l-Investigazzjonijiet, u tevita d-dewmien.*

80. L-obbligazzjoni li jiġu rappurtati investigazzjonijiet li għandhom iktar minn disa' xhur lill-Kumitat ta' sorveljanza ma kellu l-ebda effett notevoli (ara paragrafu 24).

*Billi jittieħdu in konsiderazzjoni t-termini ta' preskrizzjoni stabbiliti fil-liġijiet nazzjonali (kriminali) u Komunitarji (eż. Artikolu 3 tar-Regolament (KE, Euratom Nru 2988/95), jekk jitwaqqaf terminu massimu ta' kemm jistgħu idumu l-inkjesti dan iwassal sabiex probabbilment tiżdied l-effettività tagħhom.*

81. Għadu diffiċli li jiġu determinati r-riżultati reali ta' l-investigazzjonijiet. Fil-qasam ta' l-investigazzjonijiet interni, sar biss progress żgħir sa mill-1988 rigward is-sanzjonijiet imposti. It-toroq ġudizzjarji u legali rriżultaw prinċipalment ineffiċċjenti (ara paragrafu 37).

82. L-operazzjonijiet ta' segwitu finanzjarji ta' l-Uffiċċju huma ta' piż għar-riżorsi tiegħu (ara paragrafi 31 u 54). Is-segwitu ġudizzjarju jżid ftit valur lill-konklużjonijiet mogħtija (ara paragrafu 43).

*Is-segwitu finanzjarju m'għandux ikun parti mill-kompetenza ta' l-Uffiċċju. Huwa kompitu tad-dipartimenti ta' awtorizzazzjoni fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri sabiex jorganizzaw l-irkupru ta' ammonti identifikati b'riżultat ta' l-investigazzjonijiet. L-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni u l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-OLAF immedjatament bi kwalunkwe somom irkuprati jew bl-ammonti mħassra. Is-segwitu ġudizzjarju għandu jkun limitat biss għal każijiet fejn, wara proċeduri kriminali, l-uffiċjal li jkun awtorizza l-ispiża inizjali ikun obbligat jibda proċeduri ċivili għall-irkupru. Is-segwitu leġislattiv għandu jibqa' responsabbiltà tad-Direttorati-Ġenerali operattivi fuq bażi ta' sommarji indirizzati lejhom mill-Uffiċċju.*

83. Il-kontroll tal-legalità ta' l-atti investigattivi li jkunu għadhom sejrin m'huwiex assigurat b'mod indipendenti ([1]). Il-miżuri proċedurali li jikkonċernaw l-investigazzjoni għadhom kodifikati b'mod imperfett (ara paragrafu 27).

*Il-kodifikazzjoni tal-proċeduri għandha tiggarantixxi illi l-atti investigattivi jsegwu kors prevedibbli, li jkun hemm ċertezza dwar iż-żmien tas-smigħ u li, f'kull stadju importanti ta' l-inkjesta, id-drittijiet tad-difiża jkunu protetti kif ukoll l-aċċess tagħhom għad-dossier ikun assigurat. Il-kodiċi għandu wkoll jirrinforza l-prinċipju tas-segretezza ta' l-investigazzjoni u jipprovdi kontrolli fuq il-legalità ta' l-atti ta' l-inkjesti li jkunu għadhom sejrin. Kodiċi bħal din għandu jkollha forza legali, tkun pubblikata u tippermetti illi l-prinċipji bażiċi li jirregolaw l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF, partikolarment it-trasparenza u l-prinċipju ta' l-avversarjat, jiġu applikati b'mod trasparenti.*

84. Fil-qasam tan-nefqa diretta, l-OLAF jiddependi fuq il-koperazzjoni mad-dipartimenti nazzjonali. Xi Stati Membri jkunu iktar lesti li jagħtu s-sostenn tagħhom lill-Uffiċċju minn oħrajn, għalkemm l-Uffiċċju m'għandux il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex juri ċerti fatti (ara paragrafi 15 u 37).

85. Fl-oqsma tar-riżorsi proprji u tan-nefqa tal-ġestjoni maqsuma, l-koperazzjoni ma' l-Istati Membri taħt regoli *ad hoc* u proċeduri ta' assistenza reċiproka (Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96) spiss hija waħda medjokri (ara paragrafi 15 u 32).

*Sabiex jiġu ċċarati arranġamenti għall-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, ikun utli li tiġi kkunsidrata jew l-adozzjoni ta' Regolament tal-Kunsill speċifiku li jistabbilixxi arranġamenti dettaljati għal kooperazzjoni bħal din (ara l-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1073/1999), jew il-konklużjoni ta' arranġamenti mas-servizzi nazzjonali ta' l-investigazzjoni li jkunu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jassistu lill-Uffiċċju.* ([2]).

86. Is-sistema tal-ġestjoni tal-każijiet (CMS u reġistru) mwaqqfa mill-Uffiċċju hija progress sinifikanti fil-kontroll tad-dokumentazzjoni u tal-fajls investigattivi (ara paragrafu 17).

87. Id-*databases* tas-CMS m'humiex użati bl-aħjar mod possibbli sabiex tiġi mwaqqfa sistema ġenwina ta' ġestjoni ta' l-investigazzjoni u ta' għajnuna għat-teħid tad-deċiżjonijiet, għalkemm instrument bħal dan huwa meħtieġ sabiex jiġu ġestiti u diretti l-investigazzjonijiet (ara paragrafi 34 u 36).

---

([1]) Ara Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999. L-Artikolu 90a tar-Regolament tal-Persunal il-ġdid ma jsolvix il-kwistjoni ta' l-indipendenza ta' l-appelli ta' qabel il-litigazzjoni li jikkonċernaw l-atti investigattivi ta' l-Uffiċċju.

([2]) Ftehim ta' dan it-tip intlaħaq diġà mal-Guardia di Finanza Taljana.

*Id-databases tas-Cms għandhom jintużaw sabiex is-sistema ta' dokumentazzjoni tiġi mibdula f'sistema vera ta' ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet u f'għajnuna għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Jekk dan jiġi miżjud ma' kjarifikazzjoni ta' l-irwol tar-responsabbiltà tal-ġestjoni għall-investigaturi, dan jirrinforza l-effettività ta' l-investigazzjonijiet u jevita d-dewmien. Dawn il-punti għandhom jiġu miżjuda mal-manwal ta' l-OLAF u dettalji tar-responsabbilitajiet tal-ġesjtoni għandhom jiġu nklużi. Sabiex il-manwal isir iktar utli għall-operazzjonijiet, l-istruzzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-organizzazzjoni, it-tmexxija u s-sorveljanza ta' l-inkjesti għandhom jiġu miġbura ġo volum wieħed. Sforz speċjali jrid jiġi magħmul ukoll rigward it-taħriġ lill-investigaturi (fit-tekniċi ta' l-investigazzjoni; leġislazzjoni settorjali, nazzjonali u Komunitarja, abilitajiet fil-kitba ta' rapporti eċċ.).*

88. Riżorsi konsiderevoli jiġu nvestiti fil-produzzjoni ta' rapporti li mhux dejjem jirriżultaw f'informazzjoni ċara biżżejjed sabiex tiġi ġġudikata l-effettività ta' l-Uffiċċju fin-nuqqas ta' indikaturi tal-prestazzjoni relevanti (ara paragrafi 37, 39 u 43).

*In-numru tar-rapporti għandu jiġi mnaqqas u għandha tingħata iktar attenzjoni għall-valur informattiv tagħhom. Id-data statistika għandha ssir iktar affidabbli u relevanti sabiex ikun jista' jsir tqabbil maż-żmien. F'dan ir-rigward, l-introduzzjoni ta' indikaturi tal-prestazzjoni bbażati fuq riżultati reali minflok potenzjali għandha ġġib iktar kjarifikazzjoni.*

***L-użu ta' riżorsi sabiex jiġu sostnuti l-investigazzjonijiet***

89. Il-politika ta' l-investigazzjoni reattiva ta' l-uffiċċju ma tippermettilux li jħares lejn l-ammont ta' xogħol li ħa jkollu l-quddiem u li jorganizza t-timijiet investigattivi tiegħu skond dan (ara paragrafi 26 u 62). Il-proċess ta' l-allokazzjoni ta' persunal bejn l-unitajiet fid-Direttorat ta' l-Investigazzjonijiet mhuwiex trasparenti. Il-ġestjoni tal-persunal hija kkumplikata minħabba n-numru sproporzjonat ta' postijiet temporanji li jirriżulta f'instabilità (ara paragrafi 63 u 64).

*Ikun mixtieq li jiġi organizzat monitoraġġ ta' l-ammonti ta' xogħol tas-servizzi u li jiġi implimentat master plan ġenwin għall-ġestjoni tal-persunal sabiex jiġu solvuti problemi strutturali fil-ġestjoni tal-persunal. Ġestjoni soda tat-timijiet investigattivi barra minn hekk, tkun ta' favur għal unitajiet iktar bilanċjati għal dak illi huwa n-numru ta' persunal, u tippermetti lill-kapijiet ta' l-unità sabiex jissorveljaw l-investigazzjonijiet iktar mill-viċin.*

90. L-impatt tas-servizzi ta' l-analiżi strateġiċi fuq id-Direttorat ta' l-Investigazzjonijiet għadu insinifikanti. Għar-rigward ta' l-analiżi tar-riskju, il-kontribuzzjonijiet tagħhom baqgħu limitati (ara paragrafu 46).

*Il-missjoni tas-servizzi ta' l-analiżi strateġiċi għandha tiġi mfissra mill-ġdid sabiex dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet li jwasslu għal investigazzjonijiet esterni fis-setturi li huma l-iktar f'riskju. Għal dan ir-rigward, huma għandhom ifittxu li titjieb fil-preżentazzjoni, in-natura u l-eżattezza tad-data mgħoddija mill-Istati Membri u permezz tagħha tkun tista' tinħoloq database li tkun tista' tintuża sabiex jiġu mfittxija anomaliji u jsiru investigazzjonijiet.*

91. Sostenn ġuridiku huwa utli minħabba d-diffikultajiet preżentati minn ċerta leġislazzjoni tal-Komunità. Is-settur jagħti sostenn regolari lis-servizzi investigattivi. Huwa leġittimu min-naħa l-oħra li wieħed jistaqsi kemm ix-xogħol relatat ma' l-istrateġija għall-protezzjoni ta' l-interesssi finanzjarji jikkontribbwixxi għall-investigazzjonijiet ta' l-Uffiċċju (ara paragrafi 53 u 55).

*Minħabba illi x-xogħol relatat ma' l-istrateġija għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ma kellu l-ebda impatt dirett fuq it-tmexxija ta' l-inkjesti, servizzi oħra tal-Kummissjoni jkunu f'pożizzjoni aħjar sabiex jagħmlu dak ix-xogħol.*

92. L-attivitajiet t'assistenza huma utli meta jkun hemm bżonn jingħata sostenn konkret lill-Istati Membri fil-kordinazzjoni u l-analiżi fil-qasam ta' l-investigazzjonijiet li jaqbżu l-fruntiera. L-attivitajiet periferali ta' l-Uffiċċju, partikolarment dawn assoċjati mal-politika ta' protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji f'sens wiesa', itellfu lill-maniġment mill-irwol tiegħu ta' sorveljanza u sostenn lill-funzjoni investigattiva. Meta attivitajiet bħal dawn jinvolvu t-teħid ta' responsabbiltajiet li normalment jiġu magħmula mis-servizzi operattivi tal-Kummissjoni (per eżempju, ġestjoni tal-programmi) il-mobilitazzjoni tar-riżorsi ta' l-Uffiċċju mhix l-aħjar soluzzjoni (ara paragrafi 55 u 59).

*Ix-xogħol tal-ġestjoni tal-programmi għandu jkun responsabbiltà tas-servizzi operattivi tal-Kummissjoni, li huma mgħammra aħjar mill-Uffiċċju sabiex jieħdu ħsiebhom.*

***Ir-Relazzjonijiet bejn l-OLAF u l-Kumitat ta' Sorveljanza***

93. Entità bħall-OLAF għandha bżonn linji ċari tar-responsabbiltà tal-ġestjoni u dispożizzjonijiet ċari għas-sorveljanza. Il-mandat tal-Kumitat ta' Sorveljanza madankollu sar mhux ċar. Barra minn hekk il-Kumitat ta' Sorveljanza ma jipprovdix lid-Direttur ta' l-Uffiċċju bis-sostenn kollu neċessarju (ara paragrafu 70).

*L-irwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jiġi rieżaminat sabiex jiġu evitati r-riskji kollha ta' interferenza fl-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin.*

***Riffokar ta' l-Uffiċċju fuq il-funzjoni investigattiva tiegħu***

94. Il-fatt illi l-OLAF huwa marbut mal-Kummissjoni ma poġġiex f'periklu l-indipendenza tal-funzjoni investigattiva ta' l-Uffiċċju, għalkemm ġew innotati xi diffikultajiet fil-komunikazzjoni. Ma jidhirx għalhekk, li għandu jkun hemm kwistjoni dwar l-istatus ta' l-Uffiċċju. Min-naħa l-oħra il-ġestjoni eżekuttiva tal-funzjoni investigattiva jmissha rċeviet iktar attenzjoni fit-tul, sabiex tiġi garantita l-kwalità tar-riżultati tagħha u tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol ta' servizzi oħra tal-Kummissjoni. L-esperjenza ta' l-ewwel ħames snin ta' eżistenza ta' l-Uffiċċju għandha tendenza li turi li hemm bżonn ta' iktar rifless-joni, sabiex jiġi żgurat illi l-investigazzjonijiet ikunu effettivi fl-ilħuq ta' riżultati konkreti, kemm jekk dawn ifissru l-irkupru ta' l-ammonti misapproprjati u kemm jekk ifissru l-applikazzjoni effettiva ta' sanzjonijiet dixxiplinari jew kriminali.

*Minn dan kollu, jidher ċar illi riffokar ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju fuq il-funzjoni investigattiva tiegħu, kif indika l-President tal-Kummissjoni f'Novembru 2003, issaħħaħ l-effettività ta' l-investigazzjonijiet, filwaqt illi tħalli r-responsabbiltà għall-atti preventivi jew leġislattivi għal organizzazzjonijiet oħra. Dan l-iriffokar, għandu, min-naħa tiegħu, ikun akkumpanjat minn modifikazzjonijiet fit-tmexxija ta' l-Uffiċċju, bi bżonn ta' tibdil fir-regolamenti* (1).

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Hubert WEBER
*President*

(1) Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonjiet ta' l-Uffiċċju; Deċiżjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom, li waqqfet l-Uffiċċju; Deċiżjoni 1999/396/KE, KEFA, Euratom, tal-Kummissjoni (ĠU L 149, tas-16.6.1999, p. 57) dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni.

*ANNESS I*

**ORGANIGRAMMA TA' L-OLAF**




*Sors:* OLAF.

*ANNESS II*

**NUQQASIJIET PRINĊIPALI MISJUBA FIL-KAMPJUN TA' L-INVESTIGAZZJONIJIET EŻAMINATI**

| | |
|---|---|
| ***Valutazzjonijiet (30 operazzjoni eżaminati)*** | |
| Dewmien fix-xogħol | 16-il każ |
| Sorveljanza inadegwata | 13-il każ |
| Għanijiet ta' l-investigazzjoni impreċiżi | 12-il każ |
| Fajls tas-CMS inkompleti | 15-il każ |
| ***Investigazzjonijiet (62 operazzjoni eżaminati)*** | |
| Dewmien fix-xogħol | 34 każ |
| Sorveljanza inadegwata | 24 każ |
| Xogħol ta' investigazzjoni limitat | 10 każijiet |
| Rapporti ta' kwalità fqira | 15-il każ |
| Għanijiet ta' l-investigazzjoni impreċiżi | 28 każ |
| Fajls tas-CMS mhux kompleti | 13-il każ |
| ***Segwiti (25 operazzjoni eżaminati)*** | |
| Dewmien fix-xogħol | 22 każ |
| Utilità limitata tax-xogħol ta' segwitu | 8 każijiet |
| Sorveljanza inadegwata | 7 każijiet |
| Dokumentazzjoni tas-CMS inkompleta | 6 każijiet |
| Xogħol ta' segwitu limitat | 5 każijiet |

**IN-NUQQASIJIET PRINĊIPALI MISJUBA**



## IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

*Fl-Anness tat-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni tittrażmetti t-tweġibiet mill-Kumitat ta’ Sorveljanza ta’ l-OLAF għall-paragrafi 66 sa 72 u 93. Il-Kummissjoni u l-OLAF jirrilevaw li ma jikkondividux ċerti opinjonijiet espressi mill-Kumitat.*

**SOMMARJU**

III. Fil-preżent, billi jfittex fl-informazzjoni li għandu, ([1]) OLAF jista’ jinvestiga kwalunkwe rapport serju li jirċievi. Fil-futur, l-Uffiċċju bi ħsiebu jżid l-effikaċja tiegħu u jara li jtejjeb it-tkomplija tax-xogħol ta’ l-investigazzjonijiet billi jiżviluppa analiżi strateġika aktar sofistikata li tkun tista’ tadatta ruħha għal prijoritajiet ġodda.

IV. L-investigazzjonijiet u l-ħidmiet ta’ għajnuna u kordinazzjoni għandhom l-istess għan: il-ħarsien ta’ l-interessi finanzjarji. Id-distinzjoni bejn it-tnejn hija ċara u hija bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999. Dan jirrifletti ruħu fir-rwol ta’ l-Uffiċċju (li jiġi mill-possibilitajiet, il-poteri u l-indipendenza tiegħu). Jekk deċiżjonijiet meħuda mill-Istituzzjonijiet iwasslu għal riforma strutturali fl-Uffiċċju, ([2]) għandha tiġi kkunsidrata kjarifikazzjoni tad-distinzjoni bejn dawn il-kategoriji differenti fuq il-livell organizzattiv.

V. Dak li nstab dwar is-superviżjoni manaġerjali huwa relatat mal-kampjun ta’ każijiet eżaminat mill-Qorti, li l-immaniġġjar ta’ dawn ma jirriflettix il-progress li sar mill-2003 sal-lum. Għalhekk, l-osservazzjoni tal-Qorti dwar l-insuffiċjenza tas-superviżjoni għandha tkun kwalifikata (bejn Lulju 2000 u Ġunju 2003 ngħalqu 957 każ li ntirtu mill-UCLAF u fi tliet snin it-tul medju ta’ l-investigazzjonijiet naqas minn 33 xahar għal 22 xahar fl-2004). Barra minn dan, il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi dati ta’ skadenza għall-investigazzjonijiet. (Ara l-emendi proposti għar-Regolamenti (KE) Nri 1073/99 u 1074/99 ([3])).

VI. Wara l-ewwel stadju, li huwa mwettaq mill-Greffe, Olaf issa hija f’pożizzjoni li tiżgura li l-kwalità u l-legalità ta’ l-operazzjonijiet tagħha jkunu kkontrollati mill-maniġers tagħha, il-Bord Eżekuttiv u l-Unitajiet tal-Maġistrati u tas-Segwitu. Barra minn dan, l-Uffiċċju issa qed jiddedika aktar attenzjoni għall-ippjanar ta’ l-attivitajiet investigattivi permezz ta’ pjanijiet ta’ ħidma.

Il-Koperazzjoni ma’ l-Istati Membri titlob sforzi kontinwi u sostnuti miż-żewġ naħat. L-OLAF iddefinixxa dan l-aspett bħala qasam ta’ prijorità għat-titjib. Din il-koperazzjoni hija wkoll ta’ importanza għall-Kummissjoni u ġiet deskritta bħala pjattaforma ta’ servizzi multidixxiplinari fir-Rakkomandazzjoni 14 tal-Kummissjoni ta’ l-Evalwazzjoni tar-rapport ta’ l-attivitajiet ta’ l-OLAF. ([4])

VII. L-attivitajiet li jkomplu l-ħidma fuq l-investigazzjonijiet, bħall-irkupru u l-prosekuzzjonijiet, jipprovdu biss stampa parzjali ta’ l-effikaċja ta’ l-OLAF. Normalment, għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali u, f’xi każijiet, l-Istituzzjonijiet tal-Komunità, li jieħdu aktar passi li huma lil hinn mill-kontroll ta’ l-OLAF.

Ladarba l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta’ l-indikaturi tal-progress huwa proċess ikkumplikat, l-OLAF qed jagħmel studju fil-fond dwar dan u qed jipprova jitgħallem mill-esperjenzi ta’ l-aġenziji nazzjonali ta’ l-investigazzjoni. L-OLAF qed jistudja l-possibilità li jfittex rispons mill-awtoritajiet ta’ l-Istati Membri dwar l-utilità tar-rapporti tiegħu.

([1]) Fuq il-bażi tal-kriterji li jirriflettu l-prijoritajiet stabbiliti fil-Programm ta’ l-Attivitajiet ta’ l-OLAF.

([2]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 — COM (2004) 103 finali, ta’ l-10 ta’ Frar 2004.

([3]) Artikolu 6(7) ta’ l-emenda proposta għar-Regolament (KE) Nru 1073/1999, li tikkonċerna t-tul ta’ l-investigazzjonijiet; COM (2004) 103 finali, ta’ l-10 ta’ Frar 2004.

([4]) Rapport ta’ evalwazzjoni ta’ l-attivitajiet ta’ l-OLAF COM (2003) 154 finali.

VIII. Il-fatt li ma' l-OLAF hemm numru kbir ta' staff temporanju ppermetta lill-Uffiċċju li jirrekluta investigaturi ta' esperjenza pjuttost malajr meta kien qed iwaqqaf l-organizzazzjoni tiegħu. Filwaqt li huwa konxju tar-riskju li nġibdet l-attenzjoni għalih mill-Qorti, l-Uffiċċju bi ħsiebu, bil-qbil ta' l-Awtoritajiet Baġitarji, gradwalment jittrasforma perċentwal konsiderevoli tal-postijiet temporanji miegħu f'pożizzjonijiet permanenti u dan għandu jwassal għal konsolidazzjoni ta' l-għarfien li nkiseb. L-Uffiċċju bi ħsiebu wkoll jikkonċentra fuq it-taħriġ ta' l-istaff, partikolarment l-investigaturi u l-istaff ġdid.

IX. Il-qafas legali kurrenti ta' l-OLAF diġà jinkludi ħafna dispożizzjonijiet għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. L-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jikkodifikaw id-drittijiet tad-difiża. (1) Il-kontroll intern tal-kwalità u l-legalità bħalissa jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-maniġers u tal-Bord Eżekuttiv; madankollu, il-kwistjoni tal-kontrolli interni għad trid tiġi eżaminata.

Barra minn dan, sabiex tiġi żgurata aktar il-legalità ta' l-investigazzjonijiet fil-prattika u sabiex il-proċeduri ta' l-Uffiċċju jsiru aktar trasparenti, il-verżjoni l-ġdida tal-Manwal ta' Proċedura ta' l-OLAF tinkludi sett ta' regoli amministrattivi (li jistgħu jkunu żviluppati aktar b'mod separat mill-Manwal kurrenti).

X. Il-Kummissjoni hija ta' l-istess opinjoni bħall-Qorti dwar il-bżonn li jiġi rivedut il-mod ta' tmexxija ta' l-Uffiċċju u stabbiliet soluzzjonijiet possibbli fil-proposta tagħha sabiex temenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

XI. L-attivitajiet ta' l-OLAF jikkonċentraw fuq il-protezzjoni globali ta' l-interessi finanzjarji. Fejn jidħol dan l-għan, il-prijorità fl-allokazzjoni tar-riżorsi hija fuq l-aspett operattiv. Il-Qorti nnifisha tindika fil-paragrafu III li l-Uffiċċju bħalissa għandu r-riżorsi li jinħtieġ sabiex jilqa' l-isfidi operattivi li għandu quddiemu.

Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjonijiet tal-Qorti, għalkemm dan huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe rievalwazzjoni futura li l-Kummissjoni tista' tagħmel dwar il-qsim tar-responsabbiltajiet bejn is-servizzi tagħha, partikolarment fil-qafas ta' l-evalwazzjoni tad-dmirijiet/kompetenzi ta' l-OLAF.

**INTRODUZZJONI**

4. L-Uffiċċju qies il-fatt li għandu bżonn jaħdem ma' l-awtoritajiet varji fl-Istati Membri sabiex iwettaq il-missjoni tiegħu. Għal dan l-għan huwa ta l-importanza xierqa lill-attivitajiet ta' kordinazzjoni u ta' appoġġ u beda jirrekluta l-ispeċjalisti mill-amministrazzjonijiet nazzjonali.

7. L-OLAF jirreferi għall-Istima Kumplimentari ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (2004), (2) li jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ħidmiet operattivi jammontaw għal madwar 60 % tar-riżorsi tiegħu. Dan jista' jiġi spjegat bil-fatt li proporzjon sinifikanti tar-riżorsi allokati għall-Unitajiet li m'humiex fid-Direttorat għall-Investigazzjonijiet u l-Operazzjonijiet huma marbuta mill-qrib ma' l-attivitajiet ta' investigazzjoni.

8. Il-Kummissjoni taċċetta li jista' jkun diffiċli fil-preżent li tiġi stmata l-effikaċja tax-xogħol ta' l-OLAF. Għall-bidu, l-Uffiċċju ma kellux l-għodod meħtieġa sabiex jagħmel din l-istima, imma l-introduzzjoni tas-Sistema ta' *Case Management* (CMS) għamlitha possibbli li jsir inventarju ta' l-azzjonijiet ta' l-OLAF. Dan, minnaħa tiegħu, għamilha possibbli li tinbeda deskrizzjoni inizjali tar-riżultati skond l-impatt finanzjarju u l-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji (ara l-Istima Kumplimentari ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi). (3) Madankollu, iż-żmien meħud mill-proċeduri nazzjonali jagħmilha impossibbli li jiġi stabbilit malajr x'miżuri ttieħdu bħala rispons għall-investigazzjonijiet ta' l-OLAF. Huwa għalhekk li l-OLAF qed jipprova jidentifika l-aktar indikaturi tal-progress adattati, billi jagħmel użu mill-esperjenza ta' l-entitajiet nazzjonali, sabiex itejjeb l-evalwazzjoni tax-xogħol tiegħu. Huwa diffiċli, madankollu, li jiġu stmati l-miżuri preventivi u ta' deterrent li t-tnejn huma riżultati sinifikanti tax-xogħol ta' l-OLAF.

10. Il-Kummissjoni diġà stabbiliet l-impatt tal-bżonn li jitlestew l-operazzjonijiet li kienu ġew varati qabel u tad-dewmien fit-twaqqif ta' l-Uffiċċju, li għalih kien hemm numru ta' raġunijiet differenti (ara l-paragrafu 7.41 fir-rapport annwali tal-Qorti għall-2000). Għalhekk, mhix sorpriża li l-konsegwenzi kienu għadhom qed jinħassu fl-2004 (ara l-paragrafu 73). In-nuqqasijiet ippreżentati fil-qosor fl-Anness II għandhom għalhekk jittieħdu fil-kuntest tagħhom, għaliex primarjament jikkonċernaw investigazzjonijiet li nfetħu qabel ir-riorganizzazzjoni ta' l-Uffiċċju f'Novembru 2003.

L-Uffiċċju ħa wkoll f'kunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet preċedenti tal-Qorti u l-introduzzjoni tas-Sistema tal-*Case Management* hija eżempju tal-progress li sar mill-OLAF bħala reazzjoni għar-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 8/98.

(1) COM (2004) 103 ta' l-10 ta' Frar 2004.

(2) Stima kumplimentari ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), SEC (2004) 1370, tas-26 ta' Ottubru 2004.

(3) Stima kumplimentari ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), paragrafu 1.3.2, SEC (2004) 1370, tas-26 ta' Ottubru 2004.

**L-INVESTIGAZZJONIJIET TA' L-OLAF**

13. Id-differenzi bejn l-investigazzjonijiet u l-operazzjonijiet hija riflessa fir-rwol li l-OLAF għandu x'iwettaq (skond il-possibilitajiet/poteri tiegħu). Fi ħdan il-qafas legali ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF, l-interventi diretti fil-forma ta' investigazzjoni mmexxija mill-Uffiċċju tista' tkun anqas komuni fl-oqsma tad-dwana u l-kummerċ (ara r-risposta għall-paragrafi IV, 4 u 12).

14. Il-kordinazzjoni u l-għajnuna huma pprovduti bil-għan li jintlaħaq l-iskop tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji, kif stabbilit mil-leġiżlatur. L-Uffiċċju bi ħsiebu jidentifika l-proċedura adattata għal kull każ speċifiku. M'hemm l-ebda forma ppreferuta ta' intervent u m'għandux jiġi kkunsidrat li jiġu mmobilizzati r-riżorsi għad-detriment ta' l-investigazzjonijiet. Barra minn dan, ladarba dawn l-operazzjonijiet ta' spiss huma kumplessi u jinvolvu diversi Stati Membri, huwa essenzjali li jiġu segwiti proċeduri stretti. Li l-attivitajiet operattivi ta' l-OLAF ikunu kollha soġġetti għall-istess proċeduri ta' rappurtaġġ intern jiżgura wkoll aktar trasparenza (ara r-risposta għall-paragrafu 76). Madankollu, jista' jkun hemm proċedura simplifikata f'każijiet ta' għajnuna reċiproka.

15. Il-kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali teħtieġ fiduċja reċiproka li tkun ibbażata fuq u tiżviluppa permezz ta' l-appoġġ (koordinazzjoni u għajnuna) li l-Uffiċċju jista' jagħti lill-Istati Membri. L-uffiċċju qiegħed isegwi politika ta' titjib fil-kuntatti tal-ħidma tiegħu u din iqisha bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu għall-2005.

16. a) Meta l-informazzjoni tiġi evalwata l-Uffiċċju jiżgura li s-suspetti mqajma (i) jikkonċernaw reati fi ħdan il-qasam ta' attivitajiet li fih jopera l-OLAF; (ii) huma serji biżżejjed ([1]), (iii) jikkonċernaw fatti koperti bi prijoritajiet ta' ħidma stabbiliti minn qabel ([2]). Il-prijoritajiet għall-investigazzjonijiet jiġu stabbiliti wara studju dettaljat mill-Uffiċċju u konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Sorveljanza.

c) Deċiżjoni ta' l-Uffiċċju li jagħlaq każ mingħajr ma jsegwih hija fiha nfisha konklużjoni sinifikanti kemm għall-persuni kif ukoll għall-Istituzzjoni kkonċernati, għaliex dan ikun ifisser li l-allegazzjonijiet inizjali jistgħu jiġu miċħuda.

17. OLAF introduċa numru ta' modifiki importanti fil-CMS fil-bidu ta' l-2003 li wasslu għal titjib konsiderevoli fil-ħidma tiegħu u l-affidabilità ta' l-informazzjoni. L-istima *ex-ante* ta' l-impatt finanzjarju hija diffiċli, u għadaqstant l-OLAF qiegħed jippjana li jwaqqaf grupp ta' ħidma b'esperti sabiex jirrevedu l-linji gwida għall-istima tal-"preġudizzju fuq l-interess finanzjarju ta' l-Unjoni Ewropea" fil-bidu ta' investigazzjoni. L-ammonti murija fil-CMS jirrappreżentaw l-aħjar stima fl-aħħar ta' investigazzjoni; huwa l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni relevanti li jiddetermina l-ammont eżatt u joħroġ in-nota ta' rkupru.

19. Il-proporzjon ta' każijiet li l-Uffiċċju għalaq mingħajr azzjoni ulterjuri żdied b'mod sinifikanti mill-2002. Dan wara l-introduzzjoni ta' sistema ta' tqassim tal-prijoritajiet li tibda mill-mument meta jaslu r-rapporti (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 16a) u III).

L-isfida vera hija li OLAF jingħata informazzjoni ta' kwalità mill-bidu (li tikkonċerna fatti ta' sustanza li x'aktarx jiġġeneraw investigazzjonijiet li jipproduċu riżultati reali).

OLAF qiegħed jippjana l-iżvilupp ta' aktar investigazzjonijiet u operazzjonijiet proattivi u bbażati fuq l-informazzjoni, skond ir-Regolament ġdid (KE) Nru 1073/1999 (ara t-tweġiba għall-paragrafu 74).

20. Il-Manwal il-ġdid ta' l-OLAF, li ġie adottat fil-25 ta' Frar 2005, ħaseb għall-fatt li jista' jkun impossibbli li ssir evalwazzjoni inizjali effettiva ta' l-informazzjoni fi 15-il ġurnata f'oqsma fejn tkun tinħtieġ il-kooperazzjoni mill-Istati Membri. Kien għalhekk li ż-żmien permess għall-evalwazzjoni ġie stabbilit għal xahrejn, ([3]) bil-possibiltà li tinkiseb estensjoni bl-approvazzjoni tal-Kap ta' l-Unità.

b) L-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward is-sorveljanza tal-ġestjoni għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-kundizzjonijiet li fihom jiġi ġestit l-OLAF. Kien biss wara li ġie ttrattat ix-xogħol akkumulat fil-passat li l-Uffiċċju seta' javvanza għal fażi ta' taħriġ ta' ġestjoni.

c) Bl-istess mod, rigward id-dewmien imsemmi, wieħed għandu jżomm f'moħħu li ammont sinifikanti ta' riżorsi kien assorbit fil-proċess ta' tlestija ta' każijiet tal-passat (bejn Lulju 2000 u Ġunju 2003 ingħalqu 957 "każ UCLAF").

21. Mill-mument li l-każ jiġi evalwat, l-Uffiċċju jieħu konsiderazzjoni ta' l-impatt finanzjarju tiegħu, li huwa wieħed mill-kriterji msemmija fit-tweġiba għall-paragrafu 16a). L-għanijiet ta' l-OLAF kollha jikkumplimentaw lil xulxin, u jinvolvu mod ta' ħidma kemm finanzjarju (immirat lejn l-irkupru) u wkoll li jikkonċerna pieni amministrattivi, dixxiplinarji jew kriminali (immirati lejn l-infurzar tal-liġi). Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-OLAF implimentat fl-2003, l-Uffiċċju jforni l-informazzjoni meħtieġa għal miżuri ta' prekawzjoni li għandhom jittieħdu waqt li jkunu għaddejjin l-investigazzjonijiet, bl-iskop li jiġu protetti l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni. ([4])

22. L-għan ta' l-estensjoni tad-data ta' l-iskadenza għal evalwazzjoni, kif imsemmi fil-verżjoni l-ġdida tal-Manwal (ara t-tweġiba għall-paragrafu 20) huwa li jitjieb l-ippjanar tax-xogħol.

([1]) Cf. pragrafu 164 tal-Każ C-15/00 *Kummissjoni vs. BEI* [2003] ECR I-7281.

([2]) Cf. paragrafu 3.2 tal-Manwal ta' l-OLAF.

([3]) Cf. paragrafu 3.3.3 tal-Manwal ta' l-OLAF, (25.02.2005.)

([4]) EWS (*Early Warning System*) (SEC 2005 310).

Mill-2005 saret regola li sa mill-fażi ta' l-evalwazzjoni jiġu kkonsultati l-maġistrati u l-unitajiet ta' tkomplija, u kien hemm aktar sejħiet għall-għajnuna mill-unitajiet ta' l-analiżi u ta' l-informazzjoni (*intelligence*).

23. Kif imsemmi fl-Evalwazzjoni Kumplimentari, il-medja tad-dewmien ta' l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF naqset minn 33 xahar fl-2002 għal 22 xahar fl-2004 (ara t-tweġiba għall-paragrafu 78). [1]

24. Fl-Artikolu 6(7) tal-proposta għal emenda tar-Regolamenti (KE) Nri 1073/99 u 1074/99 il-Kummissjoni tissuġġerixxi li tiġi kkonsolidata l-ġestjoni ta' l-investigazzjonijiet billi jiġu imposti limiti ta' żmien massimi għall-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, fil-pjan ta' attivitajiet tiegħu għall-2005, l-OLAF jippjana li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' l-użu tal-ħin ta' l-investigaturi tiegħu li tnaqqas iż-żmien meħud fuq l-investigazzjonijiet (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 26 u 80).

25. Dan il-monitoraġġ ta' l-użu tal-ħin tal-persunal ser jgħin ukoll biex l-attenzjoni tmur aktar fuq l-urġenza ta' l-investigazzjonijiet.

26. Sabiex jintroduċi sistema xierqa għal servizz ta' investigazzjoni għall-monitoraġġ ta' l-użu tal-ħin tal-persunal, l-OLAF qiegħed jistudja l-esperjenza ta' korpi nazzjonali f'dan il-qasam. Fl-istess waqt l-unitajiet ta' tkomplija qegħdin jittestjaw sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin mgħoddi fuq ix-xogħol. Għandu jiġi kkunsidrat, madanakollu, li l-CMS tippermetti li jiġi stabbilit in-numru ta' każijiet li jkunu qegħdin jiġu trattati minn investigatur.

27. L-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 jikkodifikaw id-drittijiet tad-difiża. Barra minn hekk, il-Manwal il-ġdid ta' l-OLAF jinkludi r-regoli interni eżistenti fir-regoli amministrattivi tiegħu li jirregolaw l-eżerċizzju tal-fakultajiet/setgħat tiegħu u li jikkunsidraw ukoll id-drittijiet fundamentali waqt l-investigazzjonijiet. F'Jannar 2005 l-Uffiċċju kkummissjona wkoll studju komparattiv li jinvolvi tmien Stati Membri sabiex jiddetermina livell adegwat ta' garanziji li għandhom jiġu applikati fl-investigazzjonijiet.

28. Rigward is-setgħat ta' l-Uffiċċju, huwa importanti li wieħed jiddistingwi bejn setgħat li għandhom x'jaqsmu ma' investigazzjonijiet interni u dawk li għandhom x'jaqsmu ma' investigazzjonijiet esterni. F'każijiet li jinvolvu l-agrikoltura u d-dwana, ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 ma jippermettix lill-OLAF li jirrapporta diskussjonijiet ma' l-operaturi eknomiċi. Għal din ir-raġuni, l-OLAF jipprova jġib l-appoġġ mill-Istati Membri u servizzi oħra li għandhom l-istrumenti xierqa disponibbli għalihom.

Finalment, ir-rwol ta' l-OLAF li jirranġa l-fajls qabel jgħaddihom lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali huwa importanti ħafna għaliex jiżgura l-aħjar trattament mill-awtoritajiet ikkonċernati.

[1] Rapport dwar l-Evalwazzjoni Kumplimentari ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF — SEC (2004) 1370, tas-26 ta' Ottubru 2004.

29. Għall-2005, l-OLAF organizza taħriġ speċjalizzat għall-investigaturi sabiex itejjeb il-kwalità tar-rapporti ta' l-investigazzjonijiet. Il-format il-ġdid tar-rapport finali li jinsab fil-Manwal adottat fi Frar 2005 jinkludi kwantifikazzjoni ta' l-impatt finanzjarju (minkejja li huwa diffiċli li ssir evalwazzjoni preċiża, kif imsemmi fit-tweġiba għall-paragrafu 17) u l-klassifikazzjoni ta' l-imġieba ħażina skond il-konsegwenzi kriminali, amministrattivi u dixxiplinarji tagħha.

31. Rigward ix-xogħol ta' tkomplija finanzjarj, il-Kummissjoni temmen li t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-OLAF u s-servizzi tal-Kummissjoni oħra kkonċernati (l-Uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u s-Servizz Legali) huwa ċar u m'hemm l-ebda koinċidenza ta' dmirijiet (ara r-regoli dwar l-irkupru). [2] Dan jingħad mingħajr preġudizzju għal xi ri-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tista' tagħmel fil-futur rigward it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn is-servizzi tagħha, partikolarment fil-qafas ta' l-evalwazzjoni tad-dmirijiet/kompetenzi ta' l-OLAF.

Rigward l-infieq fuq l-agrikoltura, diġà jeżisti mekkaniżmu li permezz tiegħu is-segwiment ta' l-irkupru tal-fondi li jkunu nstabu li tħallsu illegalment isir mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura permezz ta' proċess ta' likwidazzjoni tal-kontijiet.

L-unitajiet ta' segwitu ta' l-OLAF ingħatalhom xogħol ieħor ta' kontra l-frodi (dan kellu x'jaqsam mas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, l-Għajnuna Amminisrattiva Reċiproka, protokolli ma' pajjiżi terzi; it-Task Force għall-Irkupru fis-settur agrikolu; l-għeluq ta' programmi fis-settur ta' l-azzjonijiet srutturali li jkunu marbuta ma' ċerti każijiet ta' ħidma ta' l-OLAF; tfittxijiet għal debituri f'isem l-Uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni).

32. Dwar l-Għajnuna Reċiproka, l-OLAF bħalissa qiegħed jiżviluppa modulu ta' messaġġi elettroniċi li huwa mistenni li jtejjeb bil-kbir l-ipproċessar u s-segwitu.

33. L-OLAF poġġa l-kontroll tal-kwalità bħala waħda mill-prijoritajiet għall-2005 u organizza taħriġ dwar is-suġġett (ara t-tweġiba għall-paragrafu 29). Il-Bord Eżekuttiv qiegħed dejjem aktar jikkontrolla l-kwalità u fil-futur l-Unità ta' Verifika Interna ser tkun aktar involuta fil-monitoraġġ (ara t-tweġiba għall-paragrafu 39).

34. L-aspetti legali ta' l-investigazzjonijiet jinsabu aċċentwati apposta fil-manwal, għaliex in-nuqqas ta' tħaris ta' l-obbligazzjonijiet legali ta' l-OLAF jgħarraq kull riżultat sussegwenti.

[2] Għas-settur tan-nefqa diretta, ara: id-dokumenti COM (2002) 671 finali, SEC (2000) 2204/3 u r-regoli interni tal-Kummissjoni dwar l-irkupru relatat man-nefqa diretta C-2002-5048/4. — Ara l-paragrafu 54 ta' dan ir-rapport dwar l-agrikoltura, il-miżuri strutturali u s-setturi doganali.

Il-manwal ta' l-OLAF qiegħed jiġi aġġornat u mtejjeb kontinwament. Il-manwal il-ġdid ta' l-OLAF tal-25 ta' Frar 2005 jipprovdi kjarifika ulterjuri dwar ħafna mill-kwistjonijiet imsemmija mill-Qorti, inkluż ir-rwol tal-Bord. Jinsab fi triqtu wkoll Manwal ġdid dwar il-CMS, li ser jipprovdi deskrizzjoni fid-dettall tal-CMS b'mod separat mill-manwal ta' l-OLAF. Bl-istess mod, l-OLAF jikkunsidra wkoll li jpoġġi l-materjal kollu li għandu x'jaqsam mattwettiq ta' l-investigazzjonijiet f'manwal separat.

35. Il-maniġers tal-linja huma responsabbli għall-immaniġġjar kontinwu tal-każijiet. Fl-2004 id-dokumentazzjoni ta' din is-sorveljanza ma kinitx standardizzata, iżda ġew żviluppati mekkaniżmi, speċjalment fejn tidħol il-*Case Management System* (CSM), sabiex is-sorveljanza ssir waħda omoġenizzata u faċilitata permezz ta' kwadri ta' valutazzjoni.

36. L-Uffiċċju jirrikonoxxi li fil-passat il-CMS iffukat fuq l-iffajljar u r-reġistrazzjoni ta' l-informazzjoni. Din kienet l-ewwel prijorità għall-OLAF minħabba d-dgħufija identifikata mill-Qorti f'dan ir-rigward (ara r-Rapport 8/98). Sadanittant sar progress konsiderevoli. Id-deskrizzjoni tal-CMS fil-Manwal il-ġdid ta' l-OLAF turi li ħafna mit-tħassib tal-Qorti ġie indirizzat diġà. Il-maniġers rispettivi jirċievu rapporti ta' kull xahar li jindikaw każijiet li jistgħu jinħtieġu l-intervent tagħhom. Ġew żviluppati wkoll moduli ġodda li jippermettu l-ġestjoni tat-talbiet għal appoġġ permezz ta' l-għoti ta' informazzjoni. Għall-Komunikazzjonijiet AM twaqqfet sistema u għat-talbiet kollha għal pariri legali jew ġudizzjarji qiegħed jiġi ttestjat modulu simili. Is-sistema ta' CMS għaldaqstant qegħda tevolvi minn sempliċi sistema ta' mmaniġġjar tal-fajls (kif deskritta mill-Qorti) għal sistema effettiva ta' mmaniġġjar tal-każijiet.

37. Meta jiġu valutati l-attivitajiet ta' l-OLAF wieħed għandu jikkunsidra l-fatt li ladarba l-Uffiċċju jaċċerta li kien hemm xi frodi/irregolarità, l-investigazzjoni tkun tirrikjedi segwitu ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, is-suċċess tas-segwitu jiddependi minn diversi fatturi lil hinn mill-kontroll ta' l-OLAF. L-OLAF diġà stabbilixxa kuntatt regolari u mill-qrib ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji tall-Belġju u tall-Lussemburgu, filwaqt li jibqa' jirrispetta l-awtonomija tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Ġew implimentati wkoll inizjattivi oħra ma' l-awtoritajiet Belġjani (l-għażla tal-Prosekutur Federali tal-Belġju bħala l-punt ta' kuntatt għal każijiet ta' l-OLAF, u l-adozzjoni ta' ċirkolari mal-Kulleġġ Belġjan tal-Prosekuturi Ġenerali fit-22 ta' Mejju 2003) kif ukoll ġie organizzat taħriġ fl-2005 għal prosekuturi li jispeċjalizzaw f'reati ekonomiċi u li jaħdmu ma' l-OLAF.

Fejn jidħlu investigazzjonijiet u pieni kriminali, l-Istituzzjonijiet għandhom disponibbli firxa wiesa' ta' għażliet dwar it-teħid ta' deċiżjoni bbażata fuq l-Anness IX ġdid tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-politika ta' tolleranza zero għandha tiġi applikata fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, b'rispons mill-awtorità li għandha s-setgħa li tinnomina u pieni xierqa għal kull każ individwali.

39. L-istruttura ta' Verifika Interna ta' l-OLAF fil-futur ser tkun qegħda tivverifika l-implimentazzjoni ta' proċeduri u kontrolli għall-investigazzjonijiet u ser tagħmel reviżjoni tal-każijiet (l-aspetti proċedurali) fuq bażi ta' kampjuni.

41. Sabiex il-Bord Eżekuttiv ikun jista' jimmonitorizza l-kwalità tar-rapporti b'mod aktar effettiv u jieħu deċiżjonijiet aktar fil-miftuħ, f'Jannar 2005 ġiet introdotta formola ta' CMS elettronika. Madankollu, l-OLAF ma jeskludix il-possibiltà li jirriorganizza l-Bord sabiex il-proċedura ta' konsultazzjoni ssir aktar effettiva (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 77 u 58).

42. Il-Kummissjoni temmen li għandhom jiġu kkunsidrati l-għanijiet differenti tar-rapporti dwar l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju kif definiti mill-bażijiet legali rispettivi tagħhom. Is-sistema tista' tiġi rrazzjonalizzata, u l-ewwel pass diġà sar, bl-allineament propost tad-dati u l-ħinijiet ta' xi wħud minn dawn ir-rapporti. Il-Kummissjoni u l-Uffiċċju huma lesti li jkomplu d-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet ma' l-Istituzzjonijiet ikkonċernati.

43. Sabiex itejjeb ir-rapporti dwar l-attivitajiet tiegħu l-OLAF qiegħed jagħmel studju dettaljat sabiex jistabbilixxi liema indikaturi tal-prestazzjoni jkunu l-aktar xierqa, billi jikkunsidra l-esperjenza ta' l-aġenziji ta' l-investigazzjoni nazzjonali. Fil-każ ta' l-investigazzjonijiet interni, ngħidu aħna, indikatur ta' suċċess jista' jkun ibbażat fuq il-miżuri meħuda mill-Istituzzjonijiet biex isegwu l-attivitajiet ta' l -OLAF (miżuri ta' prekawzjoni jew miżuri biex itejbu l-kontroll). B'hekk l-indikazzjonijiet provduti jkunu kompluti permezz ta' numru ta' miżuri dixxiplinarji u l-eżitu tagħhom.

Sabiex tingħata stampa aktar ċara tas-segwitu ġudizzjarju tar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-OLAF, mill-2004 l-informazzjoni relevanti dwar il-ħidma ġudizzjarja u dixxiplinarja sussegwenti u r-riżultati tagħha bdiet tiġi rrappurtata b'mod koerenti fl-aħħar tal-proċedura ta' ħidma sussegwenti fil-CMS (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 37 rigward in-nuqqas ta' kontroll mill-OLAF fuq il-proċeduri nazzjonali jew dixxiplinarji).

L-Evalwazzjoni Kumplimentari ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF tipprovdi indikazzjoni inizjali tar-riżultati ta' l-OLAF f'termini ta' attivitajiet ta' ħidma, impatt finanzjarju u koperazzjoni ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji (ara t-tweġiba għall-paragrafu 8). [1]

[1] (Cf.: paragrafu 1.3. Rapport dwar l-Evalwazzjoni Kumplimentari ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF — SEC (2004) 1370, tas-26 ta' Ottubru 2004.

**IL-KONTRIBUZZJONI TAD-DIPARTIMENTI TA' L-OLAF FIX-XOGĦOL TA' INVESTIGAZZJONI**

46. L-għan prinċipali ta' l-unità ta' l-analiżi strateġika (*intelligence*) huwa li żżid il-livell ta' għarfien dwar il-fenomenu tal-frodi, partikolarment permezz ta' analiżi tar-riskju. B'hekk titjieb il-kontribuzzjoni ta' l-OLAF fit-tħejjija ta' politika u fil-proċess leġiżlattiv. Dan il-proċess jinkludi l-identifikazzjoni ta' xi investigazzjonijiet ġodda possibbli. Il-proposta għal modifika tar-Regolamenti (KE) Nri 1073/99 u 1074/99, tikkjarifika l-iskop ta' l-OLAF li jqassam l-investigazzjonijiet skond il-prijorità billi jibbaża ruħu fuq din l-analiżi (ara t-tweġiba għall-paragrafu 90).

47. B'riżultat tat-titjib fil-kwalità tas-sistema ta' komunikazzjoni, l-informazzjoni li għandha x'taqsam ma' irregolaritajiet ikkomunikati mill-Istati Membri ilha tiġi sfruttata mill-2004 għal skopijiet ta' analiżi tar-riskju. Għandu jiġi emfasizzat li fejn l-Istati Membri identifikaw il-possibiltà ta' frodi (għall-kuntrarju tal-maġġoranza ta' l-irregolaritajiet li jinvolvu żbalji aktar milli frodi) huma s-servizzi nazzjonali li għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa.

50. a) Meta jkun qiegħed jikkordina missjonijiet ta' investigazzjoni f'pajjiżi terzi taħt ir-Regolament (KE) Nru 515/97, l-OLAF juża s-sistema AFIS bħala mezz ta' komunikazzjoni affidabbli ma' l-imsieħba esterni (korpi doganali jew aġenziji ta' l-infurzar oħra).

b) L-OLAF jemmen li jeħtieġlu jkun aktar involut fit-tisħiħ ta' l-infrastruttura tas-servizzi doganali ta' l-Istati Membri, għaliex l-uffiċċju għandu t-teknika ta' l-għarfien speċjalizzat meħtieġ u ambjent affidabbli.

54. Il-Kummissjoni tqis it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn id-Direttorati Ġenerali u l-OLAF rigward l-irkupru u s-segwitu ta' l-irregolaritajiet bħala wieħed ċar biżżejjed.

Dan jingħad mingħajr preġudizzju għal xi ri-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tista' tagħmel fil-futur rigward it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn is-servizzi tagħha, partikolarment fil-qafas ta' l-evalwazzjoni tad-dmirijiet/kompetenzi ta' l-OLAF.

Fis-settur agrikolu (dwar il-PAK), ir-responsabbiltajiet bejn l-OLAF u d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura huma definiti skond l-Anness 2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC (95)249 ta' l-10 ta' Frar 1995 (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri Nru 3/2004). Fil-preżent l-OLAF huwa responsabbli minn kwistjonijiet ta' rkupru li għandhom x'jaqsmu ma' l-irregolaritajiet agrikoli kollha li jkunu notifikati mill-Istati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 595/91. Kull deċiżjoni sabiex jitħassru ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati għandha tittieħed mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura ta' l-EAGGF għal-likwidazzjoni tal-kontijiet li hija mmexxija mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura, mgħejun mill-OLAF matul l-istadji differenti.

Ir-responsabbiltajiet huma mqassma b'mod ċar anke bejn id-dipartimenti fl-oqsma tal-miżuri strutturali u kwistjonijiet doganali. Għas-settur tal-miżuri strutturali, l-OLAF huwa responsabbli wkoll għall-ġestjoni tan-notifiki ta' irregolarità kollha mill-Istati Membri skond ir-Regolamenti (KE) Nri 1681/94 u 1831/94 u l-OLAF jaħdem f'koperazzjoni mad-Direttorati Ġenerali li jawtorizzaw (Agrikoltura u Żvilupp Rurali, Politika Reġjonali, Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs, u Sajd u Affarijiet Marittimi). Fis-settur doganali, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fl-1995 u fl-1999 iddefinixxew b'mod ċar ir-responsabbiltajiet ta' l-UCLAF/OLAF u d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

Il-funzjonijiet moqdija mill-unitajiet ta' tkomplija jippermettu lill-investigaturi li jikkonċentraw biss fuq il-ħidma tagħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn jaħsbu fix-xogħol amministrattiv meħtieġ għat-tkomplija ta' l-aspett finanzjarju, amministrattiv jew leġiżlattiv (ara t-tweġiba għall-paragrafu 82).

55. Il-Kummissjoni fdat lill-OLAF biex jiżviluppa l-istrateġija ta' kontra l-frodi tiegħu. Il-funzjoni investigattiva tiegħu, li hija l-missjoni prinċipali tiegħu, hija kontribuzzjoni ċara għat-tħejjija ta' strateġija għal kontra l-frodi. Huwa utli li jinżammu rabtiet mill-qrib ma' l-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-forom differenti ta' kriminalità, għaliex l-attivitajiet ta' l-OLAF jibbenefikaw mill-għarfien sod tal-prattiċi nazzjonali. Żewġ eżempji juru l-benefiċċji reċiproċi tal-funzjonijiet ta' żvilupp u ta' investigazzjoni: (i) it-tiswir tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 dwar verifiki u spezzjonijiet fuq il-post kien segwit minn żvilupp ta' strateġija; (ii) ir-riflessjoni fuq il-Prosekutur Pubbliku Ewropew kienet imqanqla mill-prassi preżenti ta' l-OLAF u mill-ħtieġa li jiġu meqjusa l-prinċipji ta' l-investigazzjonijiet kriminali (eż il-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża) (ara t-tweġiba għall-paragrafu 91).

58. Illum, fis-setturi kollha fejn x'aktarx jittieħdu proċeduri kriminali, l-Unità tal-Maġistrati hija involuta aktar minn qabel fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-każijiet (ara t-tweġiba għall-paragrafu 77).

59. L-OLAF jassisti d-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir, l-amministratur tal-programm PHARE, billi jwaqqaf strutturi għal kontra l-frodi u jiżviluppa programmi ta' taħriġ biex jgħinuhom.

L-esperjenza ta' l-OLAF hija utli biex tgħin lill-pajjiżi kandidati jadottaw l-*acquis communautaire* b'mod effettiv fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, skond l-artikolu 280 tat-Trattat KE. Il-programmi Hercule u Pericles, li l-OLAF huwa responsabbli minnhom, ma jeħtiġux wisq riżorsi finazjarji u umani. Jekk dawn jiġu trasferiti għal dipartimenti oħrajn issir aktar ħsara milli ġid lill-Uffiċċju. Waqt li tirrifletti fuq l-attivitajiet ta' l-OLAF, madankollu, il-Kummissjoni tista' tiddedika xi ftit ħsieb dwar din il-kwistjoni.

60. Fl-2005 ingħatat attenzjoni partikolari lit-taħriġ ta' persunal ġdid (ara t-tweġiba għall-paragrafu 63a), iżda l-OLAF huwa intenzjonat li jpoġġi prijorità akbar fuq it-taħriġ intern u qiegħed jippjana li jagħti aktar importanza lit-taħriġ fl-istruttura tiegħu.

63. Il-Kummissjoni hija konxja mis-sinifikat tan-numru ta' persunal temporanju li qiegħed jaħdem għall-OLAF u pproponiet bidliet sinifikanti fil-pjan ta' struttura ta' l-Uffiċċju fit-tħejjijiet għall-ABP 2006 bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

a) Fl-2005 l-OLAF ipprovda taħriġ inizjali għal investigaturi ġodda u taħriġ kontinwu. Dan kien jikkonsisti l-aktar f'taħriġ dwar l-offerti pubbliċi, taħriġ legali u lingwistiku speċjalizzat, sessjonijiet dwar it-tekniċi ta' l-investigazzjoni u taħriġ kontinwu biex itejjeb l-abbozzar tar-rapporti. Fl-2005 il-Kapijiet ta' l-Unitajiet ukoll attendew korsijiet ta' *management* organizzati mill-Kummissjoni.

b) L-OLAF huwa konxju mid-dannu potenzjali li jista' jiġi kkawżat minn membri tal-persunal temporanju li jieqfu mix-xogħol fi tmiem il-kuntratt u għaldaqstant ħaseb għal kuntratti ta' perjodu totali massimu ta' 8 snin għall-persunal tiegħu, li jippermettilu biżżejjed żmien biex jorganizza kompetizzjonijiet speċifiċi u jibdel il-pjan ta' struttura tiegħu (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 63 u 64).

Il-Kummissjoni hija miftuħa għal djalogu li l-għan tiegħu jkun li jsib bilanċ bejn il-bżonnijiet speċifiċi ta' l-OLAF u r-Regolamenti tal-Persunal.

64. L-Uffiċċju huwa intenzjonat li jorganizza kompetizzjonijiet interni speċjali fil-għlieda kontra l-frodi li jagħtu l-opportunità lill-membri tal-persunal l-aktar kwalifikati li jsiru uffiċjali u b'hekk iżomm l-għarfien u l-esperjenza akkwistati minnhom.

65. Fil-preżent l-Uffiċċju jimpjega 25 espert nazzjonali ssekondat. Filwaqt li l-idea li dan in-numru jitkattar ma twarrbitx, wieħed għandu jifhem li hemm ċerti funzjonijiet sensittivi li l-esperti nazzjonali ssekondati ma jistgħux iwettqu minħabba l-istatus tagħhom.

Barra minn hekk, l-esperjenza ta' l-OLAF hija li għal skopijiet ta' ġbir ta' informazzjoni (*intelligence*), ikun aktar xieraq li jimpjega persunal temporanju speċjalizzat, għaliex l-Istati Membri m'humiex ippreparati biżżejjed biex ikollhom disponibbli persunal bħala esperti nazzjonali ssekondati, u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li normalment jaqblu li jissekondaw l-esperti m'għandhomx fi ħdanhom l-għarfien meħtieġ dwar programmi ta' nefqa diretta. Ikun hemm ukoll problema ta' bilanċ ġeografiku.

**IL-KUMITAT TA' SORVELJANZA**

66. Rigward il-Kumitat ta' Sorveljanza, il-Kummissjoni ddikjarat fir-rapport tagħha dwar l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF, li "ħarġu numru ta' problemi mil-lat ta' organizzazzjoni," inklużi l-implimentazzjoni ta' tqassim amministrattiv u l-post tax-xogħol tas-segretarjat tal-Kumitat. (1) Il-Kummissjoni ser tieħu attitudni kostruttiva u pragmatika meta tiddiskuti s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, li għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza [ġdid].

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMNDAZZJONIJIET**

74. Il-qafas legali tax-xogħol ta' l-OLAF u n-natura tax-xogħol innifsu joħolqu diffikultà fil-ġestjoni tal-prijoritajiet u biex isiru linji gwida dwar ir-riżultati. Minkejja dan, il-Kummissjoni sejħet lill-korpi involuti sabiex iqisu l-prijoritajiet strateġiċi ta' l-Uffiċċju (ara r-rakkomandazzjoni 11 tar-rapport dwar l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi). (2) Din il-kwistjoni ser tiġi indirizzata wkoll mill-Kummissjoni waqt id-diskussjonijiet dwar ir-riforma tal-ħidma ta' l-Uffiċċju. Rigward il-linji gwida dwar ir-riżultati, l-OLAF huwa intenzjonat li jinkoraġġixxi s-sinerġiji eżistenti bejn il-proċeduri varji (proċeduri ġudizzjarji, ta' rkupru u dixxiplinarji), filwaqt li jieħu l-miżuri ta' prekawzjoni kollha, u jagħmel minn kollox sabiex isib il-modalitajiet l-aktar effettivi sabiex iħares l-interessi finanzjarji.

*Il-Kummissjoni tisħaq li s-suġġett ta' l-indikaturi tal-prestazzjoni li jkejlu r-riżultati ta' l-Uffiċċju hija kwistjoni kumplessa li teħtieġ studju dettaljat, partikolarment għaliex l-Uffiċċju m'għandux kontroll fuq il-fatturi kollha li jinfluwenzaw is-suċċess fejn it-trattament tal-każijiet jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali jew ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità. L-OLAF għamel analiżi inizjali tar-riżultati tiegħu fl-Evalwazzjoni Kumplimentari ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF (2004). L-Uffiċċju huwa intenzjonat li jiżviluppa dan l-istudju u li jqis liema indikaturi tal-prestazzjoni jkunu l-aktar xierqa fid-dawl ta' l-aħjar prassi fl-aġenziji nazzjonali (ara t-tweġibiet għall-paragrafi VII u 8).*

76. L-Uffiċċju jemmen li huwa meħtieġ li l-ġestjoni ta' l-attivitajiet ta' ħidma kollha ta' l-OLAF tkun suġġett għall-istess proċeduri interni sabiex jiġi żgurat rappurtaġġ trasparenti u sabiex jiġu stabbiliti kultura u prattiċi komuni. Dan joħloq flessibiltà meta jkun hemm bżonn li jitqassmu r-riżorsi minn settur għall-ieħor u jevita li s-setturi ta' ħidma varji jingħalqu għalihom. Barra minn hekk, operazzjonijiet ta' għajnuna u kordinazzjoni, li spiss ikunu aktar kumplessi, jeħtieġu proċeduri interni rigorużi (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 13 u 14).

*Bħala parti mix-xogħol li qiegħed isir bil-għan li l-ħidma u l-organizzazzjoni ta' l-OLAF jiġu riformati, l-OLAF jista' jeżamina metodi kif jiżviluppa struttura amministrattiva li tirrifletti aħjar id-distinzjoni bejn operazzjonijiet ta' għajnuna u kordinazzjoni, min-naħa l-waħda, u investigazzjonijiet, min-naħa l-oħra.*

(1) COM (2003) 154 finali.

(2) Rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), COM (2003) 154 finali.

77. Sa mill-aħħar ta' l-2003 l-OLAF beda jheġġeġ l-involviment ta' l-unitajiet ta' segwitu u tal-maġistrati fil-ftuħ, l-eżekuzzjoni u t-tlestija ta' l-investigazzjonijiet, għaliex dan iħalli impatt pożittiv fuq l-effikaċja ta' l-investigazzjonijiet u t-tkomplija sussegwenti tagħhom. Il-modulu ta' Bord tal-CMS implimentat fl-2005 jiffaċilita dan l-involviment.

*L-OLAF diġà aġixxa fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-ġustifikazzjoni ta' l-attivitajiet ta' investigazzjoni, u mill-2005 kull rapport ta' evalwazzjoni ta' każ kien jinkludi wkoll pjan ta' ħidma. Rigward ir-riorganizzazzjoni tal-Bord Eżekuttiv, l-OLAF huwa disponibbli li jikkunsidra l-formazzjoni ta' gruppi iżgħar li jkunu jistgħu jindirizzaw l-attivitajiet tagħhom b'mod aktar effettiv (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 41 u 58).*

78. Sa mill-2004 s-sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-każijiet iffaċilitat is-sorveljanza u l-ġestjoni tal-każijiet. Fl-2004 l-medja ta' dewmien ta' l-investigazzjonijiet niżlet b'mod kostanti għal 22 xahar (ara t-tweġibiet għall-paragrafi V, 20 b, 23, 33, 35, 36 u 87).

*Sabiex jippermetti lill-Kapijiet ta' l-Unitajiet li jqassmu l-prijoritajiet ta' l-investigazzjoni aħjar, l-OLAF qiegħed jistudja l-possibiltà li jwaqqaf sistema ta' monitoraġġ fuq l-użu tal-ħin ta' l-investigaturi (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 25 u 79). L-Uffiċċju nieda wkoll programmi ta' taħriġ inizjali għal impjegati ġodda u taħriġ kontinwu speċjalizzat sabiex jgħin lill-investigaturi jtejbu aktar il-kwalità ta' ħidmiethom (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 29 u 63a).*

79. Sa mill-2004 l-CMS għamlitha possibbli li jiġi stabbilit in-numru ta' każijiet li jkun qiegħed jittratta investigatur (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 26 u 14).

*Fl-2005 l-OLAF ser jeżamina l-esperjenzi tas-servizzi ta' investigazzjoni nazzjonali fejn jidħol il-monitoraġġ ta' l-użu tal-ħin ta' l-investigaturi qabel ma titwaqqaf sistema li tkun tieħu qies tad-dewmien mistenni ta' l-investigazzjonijiet skond il-pjan ta' ħidma. Barra minn hekk, bħalissa qegħda tiġi ttestjata sistema ta' monitoraġġ ta' l-użu tal-ħin tal-persunal fl-unitajiet tas-segwitu (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 24 sa 26).*

80. *Il-Kummissjoni indirizzat il-kwistjoni tal-perjodu massimu għall-investigazzjonijiet fil-proposta tagħha biex jiġu emendati r-Regolamenti (KE) Nri 1073 u 1074/1999 li tipproponi dewmien ta' 12-il xahar bil-possibiltà li jiġu estiżi l-investigazzjonijiet b'massimu ta' sitt xhur kull darba fuq il-bażi ta' deċiżjoni meħuda mid-Direttur wara li jikkonsulta lill-Kumitat ta' Sorveljanza.* [1]

81. Ara t-tweġibiet għall-paragrafi 37 u 43.

L-Uffiċċju ma jistax jitqies reponsabbli għat-trattament mill-awtoritajiet ġudizzjarji u dixxiplinarji iżda l-OLAF qiegħed jagħmel ħiltu biex itejjeb il-koperazzjoni (il-ħolqien ta' l-IDOC fl-2002, li miegħu l-OLAF ikkonkluda Memorandum ta' Ftehim). Il-Kummissjoni u l-OLAF jikkunsidraw il-kooperazzjoni ma' l-IDOC bħala waħda sodisfaċenti.

(1) Ara l-Artikolu 6(7) tal-proposta. COM (2004) 103 finali ta' l-10 ta' Frar 2004.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 29.

82. Il-valur miżjud minn trattament sussegwenti ġudizzjarju ma jinsabx biss fil-kontribuzzjoni mogħtija mill-maġistrati meta jgħaddu l-fajls lill-awtoritajiet ġudizzjarji; dan joħroġ fejn jidħlu l-kwistjonijiet kumplimentari kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri dixxiplinarji jew ġudizzjarji varji (bħalma huma talbiet għat-tneħħija ta' l-immunitajiet jew tad-dmir ta' l-uffiċjali li jeżerċitaw diskrezzjoni, u talbiet għall-għajnuna legali).

*Rigward l-irkupru, il-Kummissjoni għażlet li żżid l-għarfien ta' l-OLAF ma' dak ta' l-uffiċjali li jawtorizzaw (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 31 u 54).*

*Dan jingħad mingħajr preġudizzju għal xi ri-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tista' tagħmel fil-futur rigward it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn is-servizzi tagħha, partikolarment fil-qafas ta' l-evalwazzjoni tad-dmirijiet/kompetenzi ta' l-OLAF.*

*Rigward l-infieq fuq l-agrikoltura, diġà jeżisti mekkaniżmu li permezz tiegħu s-segwitu ta' l-irkupru tal-fondi li jkunu nstabu li tħallsu illegalment isir mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura permezz ta' proċess ta' likwidazzjoni tal-kontijiet.*

*It-trattament ġudizzjarju sussegwenti ma jistax ikun limitat biss għal każijiet fejn, wara l-proċeduri kriminali, l-uffiċjal li jawtorizza n-nefqa oriġinali jkun jinħtieġ li jibda proċeduri ċivili għall-irkupru. L-awtoritajiet varji li lilhom jiġu mgħoddija l-każijiet jistaqsu lill-Uffiċċju biex jgħinhom jikkomunikaw ma' l-Istituzzjonijiet. Huwa veru wkoll li biex jevalwa u jtejjeb xogħolu l-Uffiċċju għandu bżonn jibqa' jsegwi każijiet mgħoddija lill-awtoritajiet differenti sabiex jiskopri l-eżitu.*

*Fil-każ ta' trattament sussegwenti leġiżlattiv, bla dubju hija r-responsabbiltà tad-Direttorati Ġenerali li jieħdu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tagħhom biex jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula wara l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF. L-Uffiċċju jirrileva li huwa involut fil-prevenzjoni tal-frodi fil-bidu tal-proċess leġiżlattiv (ara t-tweġiba għall-paragrafu 91).*

83. L-Uffiċċju josserva li hija prassi normali li lment dwar deċiżjoni amministrattiva jiġi mgħoddi lid-dipartiment ikkonċernat qabel ma jintalab rimedju ġudizzjarju.

*Il-proposta ta' emenda tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tikkodifika d-drittijiet tad-difiża, inklużi d-dritt tas-smigħ u kjarifiċi importanti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri li jirregolaw l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF.* [2]

84. L-OLAF jemmen li jkun possibbli li jikkonsolida r-relazzjonijiet ta' ħidma ma' l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi. L-Artikolu 15 tar-Rakkomandazzjoni Nru 6 tal-Kummissjoni jissuġġerixxi linji-gwida dwar il-koperazzjoni sabiex tiżdied l-effikaċja tal-funzjoni konsultattiva u tat-trattament sussegwenti ġudizzjarju. L-Uffiċċju poġġa t-titjib tal-kuntatti ta' ħidma bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu għall-2005 (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 15 u 37).

(2) COM (2004) 103, ta' l-10 ta' Frar 2004.

85. Il-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni f'Lulju 2004 dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra għandha l-għan li r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni (l-OLAF) u l-awtoritajiet nazzjonali ssir aktar uniformi. Ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 huwa ta' importanza kbira għall-mod kif isiru l-investigazzjonijiet u jippermetti l-irkupru ta' somom sinifikanti. Madankollu, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni m'humiex awtomatikament l-istess bħal dawk mogħtija lil korpi komparabbli taħt il-liġijiet nazzjonali, u dan jikkomplika l-kwistjoni ta' l-implimentazzjoni.

*Hija l-intenzjoni ta' l-OLAF li jtejjeb il-koperazzjoni ma' l-Istati Membri; dan jirrikjedi sforzi kontinwi u sostnuti miż-żewġ naħat. L-Artikolu 3 tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti (KE) Nri 1073/99 u 1074/99, li ġew proposti fi Frar 2004, u r-rakkomandazzjoni Nru 5 tar-rapport tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 15 (li jestendu l-memoranda ta' ftehim konklużi bejn l-OLAF u l-awtoritajiet nazzjonali) huma passi f'din id-direzzjoni.*

87. Il-CMS tippermetti ġestjoni kontinwa ta' l-investigazzjonijiet u mill-2003 bdew jintużaw il-kwadri ta' valutazzjoni tal-CMS. Minkejja li fil-passat l-akbar sforz tal-CMS kien li tirreġistra u tikklassifika l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-każijiet, is-sistema qegħda tevolvi l-ħin kollu u issa qegħda ssir għodda siewja għall-ġestjoni tal-każijiet.

*Il-CMS għandha l-karatteristiċi neċessarji biex issir strument prezzjuż għall-ġestjoni kontinwa tal-każijiet iżda hemm bżonn ta' xi titjib fil-mod ta' kif tintuża (ara t-tweġiba għall-paragrafu 17).*

*Il-verżjoni tal-Manwal ta' l-OLAF adotatta fi Frar 2005 diġà fiha xi titjib. L-OLAF jikkunsidra wkoll li jpoġġi l-materjal kollu li għandu x'jaqsam mat-twettiq ta' l-investigazzjonijiet f'dokument separat (ara t-tweġiba għall-paragrafu 34).*

*Fl-aħħarnett, sar sforz speċjali fejn jidħol it-taħriġ (ara t-tweġiba għall-paragrafu 63a)*

88. Biex itejjeb il-kwalità tar-rapporti dwar l-attivitajiet tiegħu u l-evalwazzjoni ta' l-effikaċja tiegħu, l-OLAF beda studju ta' l-indikaturi tal-prestazzjoni, billi bbaża ruħu fuq l-esperjenza ta' l-aġenziji ta' l-investigazzjoni nazzjonali (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 8 u 37).

*Kif imsemmi fit-tweġiba għall-paragrafu 42, l-Uffiċċju u l-Kummissjoni huma disponibbli li jkomplu d-diskussjonijiet ma' l-Istituzzjonijiet ikkonċernati dwar il-konenut u l-livell ta' razjonalizzazzjoni tar-rapporti varji ta' l-OLAF.*

89. Il-ħidma ta' l-Uffiċċju hija fil-biċċa l-kbira tagħha reattiva għaliex, bħal fil-każ ta' ħafna mis-servizzi ta' investigazzjoni nazzjonali, bażikament jirrispondu għal talbiet esterni li mhux dejjem ikunu prevedibbli. Biex il-livelli tal-persunal isiru aktar stabbli, l-Uffiċċju huwa intenzjonat li jorganizza kompetizzjonijiet interni speċjali fi sforz li jżomm l-għarfien u l-esperjenza akkwiżita tal-persunal l-aktar kwalifikat u biex jibdel il-pjan ta' struttura bħalma indikat mill-Qorti (ara t-tweġibiet għall-paragrafi 63 u 64).

*L-Uffiċċju stabbilixxa l-pjan ta' ħidma tiegħu għall-2005 u alloka r-riżorsi lill-Unitajiet fuq il-bażi tal-volum ta' xogħol mistenni. Skond id-daqs ta' l-Unità tagħhom, il-Kapijiet ta' l-Unitajiet huma mgħejjuna minn Kapijiet ta' Ħidma sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet ikunu monitorati mill-qrib.*

90. Illum, l-Unità ta' l-Informazzjoni (*intelligence*) tippermetti lill-OLAF li jidentifika oqsma ta' riskju u tiffaċilita l-allokazzjoni tar-riżorsi fis-setturi varji fuq perjodi twal ta' żmien (ara t-tweġiba għall-paragrafu 19). Fil-futur l-Unità tista' tikkontribwixxi b'mod aktar dirett fl-investigazzjonijiet billi tagħti appoġġ fit-tqassim tal-prijoritajiet ta' l-Uffiċċju (ara t-tweġiba għall-paragrafu 46).

*L-emendi tar-Regolamenti (KE) Nri 1073/1999 u 1074/999 proposti mill-Kummissjoni, li jikkjarifikaw kwistjonijiet rigward jekk l-Uffiċċju għandux iniedi investigazzjonijiet, jippermettu lill-OLAF li jagħti prijorità lil oqsma meqjusa ta' riskju għoli mid-dipartimenti ta' l-analiżi strateġika. Ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar dan is-suġġett hija konformi mar-rakkomandazzjoni Nru 5 tar-rapport dwar l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.* [1]

*Rigward irregolaritajiet notifikati mill-Istati Membri, wara titjib konsiderevoli fil-kwalità tan-notifika u l-evalwazzjoni tagħhom, din l-informazzjoni issa qegħda tiġi sfruttata għalskopijiet ta' analiżi tar-riskju (ara t-tweġiba għall-paragrafu 47).*

91. Dwar is-suġġett ta' prevenzjoni tal-frodi, il-leġiżlatur tal-Komunità għaraf is-sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' ħidma ta' l-OLAF u r-rwol tiegħu fit-tfassil ta' metodi għal kontra l-frodi (ara r-Regolament (KE) Nru 1073/1999).

*Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prevenzjoni tal-frodi (SEC (2001) 2029) tassenja lill-OLAF rwol speċifiku kordinattiv u konsultattiv (ara t-tweġiba għall-paragrafu 55). Il-kwistjoni tad-duwalità tal-funzjonijiet ta' l-OLAF ser tiġi indirizzata fis-smigħ pubbliku tal-Parlament Ewropew dwar ir-riforma ta' l-OLAF.*

92. *Ir-riżorsi umani utilizzati biex jiġu ġestiti programmi mmexxija mill-OLAF huma minimi u r-riżorsi finanzjarji involuti huma insinifikanti. L-OLAF jagħti vantaġġi reali lill-programmi u l-Uffiċċju jibbenefika bis-sħiħ minnhom, partikolarment f'termini ta' koperazzjoni. Madankollu, fejn jidħlu dawn il-programmi, il-Kummissjoni tista tirrifletti b'mod ġenerali dwar id-definizzjoni tar-responsabbiltajiet ta' l-OLAF.*

93. Dwar il-Kumitat ta' Sorveljanza, il-Kummissjoni tikkondividi l-opinjoni tal-Qorti li hemm il-ħtieġa li l-mod kif jitmexxa l-Uffiċċju għandu jiġi revist.

[1] COM (2003) 154 finali.

*Fil-proposta tal-Kummissjoni għall-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999, li ssottomettiet lill-Istituzzjonijiet għad-diskussjoni, hija ppreżentat soluzzjonijiet differenti biex jiġi definit b'mod aktar ċar ir-rwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza u lesta li tittrata din il-kwistjoni aktar fil-fond.*

94. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti teħtieġ studju dettaljat u tista' twassal għal-organizzazzjoni ta' l-OLAF b'mod li jidentifika l-funzjonijiet tiegħu b'mod aktar ċar u li jħares is-sinerġiji ta' bejniethom biex b'hekk jiġi aċċertat li l-attività prinċipali tiegħu, l-investigazzjoni, titwettaq bl-effikaċja meħtieġa.

*Bħala kunċett, l-istrateġija ta' kontra l-frodi għandha tkun globali, u tħaddan fiha l-analiżi u t-tfassil ta' politika, proposti leġiżlattivi, u l-iżvilupp ta' koperazzjoni internazzjonali u ta' bejn l-aġenziji u madwar ir-rwol ċentrali tal-funzjoni ta' investigazzjoni u ta' ħidma. Dan jingħad mingħajr preġudizzju għal xi ri-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tista' tagħmel fil-futur rigward it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn is-servizzi tagħha, partikolarment fil-qafas ta' l-evalwazzjoni tad-dmirijiet/kompetenzi ta' l-OLAF.*

---

*ANNESS*

## RISPOSTI MILL-KUMITAT TA' SORVELJANZA TA' L-OLAF

***Ir-rwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza (punt 66)***

Il-kontroll tal-Kumitat ta' Sorveljanza jkopri għalhekk il-mod ta' kif isiru l-investigazzjonijiet: "b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali, u partikolarment tal-prinċipju ta' ekwità, tad-dritt lill-persuna involuta li tesprimi ruħha dwar il-fatti li jikkonċernawha u tad-dritt li l-konklużjonijiet ta' investigazzjoni jkunu bbażati biss fuq dawk l-elementi li għandhom valur evidenzjali". (ara nru10 tar-Regolament bażiku). Dawn l-indikazzjonijiet ċari jiżvelaw xi prinċipji dwar ir-regoli ta' proċedura ta' l-investigazzjonijiet. Barraminhekk, il-kumitat għandu wkoll ir-rwol li jissorvelja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni ta' l-informazzjoni.

A. ***Il-Kumitat ta' Sorveljanza u l-indipendenza ta' l-Uffiċju (punti 67 u 70)***

L-indipendenza li jgawdi l-Uffiċju, u d-Direttur tiegħu, waqt li jwettaq l-investigazzjoni, hija waħda mill-ikbar żviluppi introdotti fir-Regolament nru 1073/1999. Biex tissaħħaħ din l-indipendenza, li tista' tiġi mdgħajjfa minn pressjonijiet u influwenzi informali iktar milli b'istruzzjonijiet diretti ġejjin minn entità istituzzjonali, il-Kumitat irid jeżerċita viġilanza kostanti, li hi l-unika mezz biex jiġi evitat kull tentattiv biex tiddgħajjef din l-indipendenza.

B. ***Il-Kumitat ta' Sorveljanza u d-drittijiet tal-persuni investigati (punti 67, 68 u 70)***

Ir-rwol tal-Kumitat mhuwiex dak li jissorvelja l-legalità ta' l-investigazjonijiet.

L-azzjoni tal-Medjatur, għalkemm hija importanti ħafna, mhix biżżejjed waħedha u mhijiex kontroll ta' legalità fis-sens ġuridiku tal-kelma. Il-Kumitat iqis li din l-azzjoni, immirata biex tiżvela "l-anormalitajiet" li jistgħu jinqalgħu, għandha tiġi kkumplimentata minn azzjoni min-naħa tal-leġiżlatur. B'din il-kunsiderazzjoni, u wara skambju ta' opinjonijiet mal-CoCoBu, il-Kumitat ta' Sorveljanza, qatt ma naqas milli jagħmel il-proposti tiegħu fir-rapporti annwali dwar il-ħolqien ta' Prosekutur Ewropew. Reċentament, fir-rapport annwali tiegħu ta' l-2004, il-Kumitat ta' Sorveljanza ppropona l-ħatra ta' avukat tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kumitat ta' Sorveljanza huwa konxju li r-rispett tad-drittijiet fundamentali huwa kemm garanzija għall-persuni investigati kif ukoll kundizzjoni għall-effettività ta' l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF.

Sa mill-bidu ta' l-attività tiegħu, biex ma jindaħalx ma' l-attivitajiet ta' investigazzjoni ta' l-OLAF, il-Kumitat ta' Sorveljanza rrifjuta li jintervjeni fid-dokumenti individwali, li xi wħud minnhom kienu indirizzati lilu mill-persuni investigati, li xi drabi talbu wkoll li jinstemgħu quddiem il-Kumitat fil-preżenza ta' l-avukati, iżda dan qatt ma ġie aċċettat mill-Kumitat. B'dan il-mod, kull riskju li jintrikeb ix-xogħol tal-Medjatur ikun evitat.

Madanakollu, il-Kumitat ta' Sorveljanza għamel użu mit-talbiet tal-persuni investigati biex jidentifika xi wħud mill-problemi ġenerali. Dawn il-problemi wasslu għal eżaminazzjoni ddettaljata fil-laqgħat tal-Kumitat (f'dan il-kuntest ġew eżaminati wkoll id-deċiżjonijiet tal-Medjatur) u għal skambju ta' opinjonijiet ma' l-OLAF.

Fil-fatt, il-kwistjoni tar-regoli ta' proċedura wasslet għal numru ta' laqgħat mad-Direttur ta' l-Uffiċju kif ukoll mad-Direttur responsabbli mill-investigazzjonijiet. Fir-rigward ta' ċertu punti (per eżempju, l-introduzzjoni tal-minuti u tas-smigħ), intlaħqu malajr riżultati pożittivi. Il-kwistjoni tat-twaqqif ta' kodiċi interni xierqa ta' l-Uffiċju għadha miftuħa; il-Kumitat ta' Sorveljanza wera kemm il-darba l-bżonn ta' kodiċi bħal dawn. S'issa, id-Direttur ta' l-Uffiċju ma weriex ix-xewqa li jaddotta kodiċi bħal dawn, anki fuq bażi purament interni.

C. ***Il-Kumitat ta' Sorveljanza u s-sorveljar regolari ta' l-investigazzjonijiet (punt 69)***

Fil-bidu, u m'hemmx dubju li dan ħa fit-tul, il-Kumitat kellu jagħti attenzjoni iktar milli xtaq għall-iżvilupp ta' strutturi u metodi ta' xogħol ġodda fl-OLAF. Imbagħad, il-Kumitat seta' jiddedika ruħu għal kwistjonijiet operattivi u jeżerċita s-setgħat ta' sorveljar tiegħu fl-investigazzjonijiet (ara l-aħħar rapport annwali, kapitolu I).

1. *It-twaqqif ta' strutturi ġodda (**69 b**)*

Bħala tweġiba għal waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, sa mill-ewwel semestru ta' l-2001, inħolqot *sistema ta' reġistrazzjoni* tad-dokumenti kollha u "***Sistema għall-immaniġġjar tal-każijiet***" li qiegħda dejjem tittejjeb, kif ukoll reġistru.

2. *Informazzjonij dwar l-investigazzjonijiet li jieħdu aktar minn disa' xhur (**69a**)*

L-informazzjoni mid-Direttur ta' l-OLAF dwar l-investigazzjonijiet li ma jingħalqux wara disa' xhur, kif mitlub mill-Artikolu 11, paragrafu 7 tar-Regolament, kienet sors utli ta' informazzjoni għall-Kumitat kif ukoll element tajjeb ta' kontroll. Fil-prattika, din l-informazzjoni wasslet għal skambju ta' opinjonijiet utli mad-Direttur responsabbli mill-investigazzjonijiet dwar l-iżvolġiment ta' l-investigazzjonijiet u tal-kwistjonijiet ġenerali.

3. *Notifika minn qabel tal-każijiet li jiġu rriferuti lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru (**69 c u d**)*

L-Artikolu 11, paragrafu 7, tar-Regolament, fil-verżjoni franċiża, jiddikjara li "id-Direttur irid jinforma lill-Kumitat dwar il-każijiet li jirrikjedu t-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru". Fl-Artikolu 22, paragrafu 5 tar-Regolament intern ippubblikat fil-ĠU tal-15 ta' Frar 2005 u addottat fuq il-bażi ta' test imfassal mir-rapporteur, is-Sur Da Cunha Rodrigues, li dak iż-żmien kien membru tal-Kumitat ta' Sorveljanza u li iktar tard ġie maħtur imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kumitat ta' Sorveljanza interpreta l-kelma "jeħtieġu" b'mod li timplika notifika minn qabel.

Din l-interpretazzjoni ġiet użata kemm-il darba u qatt ma wasslet għal tilwim jew problemi.

F'każ sensittiv, id-Direttur responsabbli mill-investigazzjoni, mingħajr ma jagħmel l-ebda referenza għad-dokument, talab lill-Kumitat ta' Sorveljanza biex l-OLAF jinnotifika l-informazzjoni lill-Kumitat wara t-trażmissjoni ta' l-informazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali. Il-Kumitat qabel ma' din in-notifika.

4. *Investigazzjonijiet interni u esterni (**punt 71**)*

L-attenzjoni ta' l-istituzzjonijiet kienet iffukata fuq l-investigazzjonijiet interni fil-każ li wassal għar-riżenja tal-Kummissjoni, ippreseduta mis-Sur Santer. Il-premessi Nri 1 u 7, kif ukoll l-Artikolu 1, paragrafu 3, tar-Regolament juru dan it-tħassib. Wieħed għandu josserva li l-investigazzjonijiet interni huma, fir-realtà, f'idejn l-Istati Membri għax huma jwettqu fil-fatt l-investigazzjonijiet, waqt li l-Uffiċju jillimita lilu nnifsu għall-għotja ta' materjal ta' support u għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' kordinazzjoni.

Madanakollu, jekk wieħed jeżamina d-dokumenti kollha u l-CMS, mhuwiex il-każ li fil-prattika, l-Uffiċju jew il-Kumitat ta' Sorveljanza, li jibbaża x-xogħol tiegħu fuq l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċju, jipprivileġġaw l-aspett kriminali ta' l-investigazzjonijiet interni bi ħsara lill-investigazzjonijiet esterni. Il-fatt li l-investigazzjonijiet interni, li huma ta' natura delikata, ingħataw ħafna drabi attenzjoni partikolari mill-Uffiċju u mill-Kumitat ta' Sorveljanza (u dan jidher fil-minuti tal-Kumitat) kif ukoll mill-istampa, ma jfissirx li l-investigazzjonijiet esterni ġew injorati. Minbarra l-investigazzjonijiet esterni, wieħed għandu jinnota b'mod partikolari li l-Uffiċju mexxa attività importanti ta' assistenza lill-Istati Membri, li kienet apprezzata mill-Kumitat (ara l-kapitolu II tar-rapport annwali).

5. *L-eżaminazzjoni tad-dokumenti magħluqa u r-reġistri ta' evalwazzjoni (**punt 72**)*

L-eżaminazzjoni tad-dokumenti magħluqa ingħatat attenzjoni partikolari mill-Kumitat ta' Sorveljanza, li talab lis-segretarjat biex jeżamina l-ikbar numru possibli ta' dawn id-dokumenti u biex jipprepara reġistri ta' evalwazzjoni għal dawk il-każijiet l-iktar importanti. L-għażla li jiġu eżaminati l-każijiet magħluqa tevita kull riskju ta' interferenza fl-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin. Minħabba n-natura tad-dokumenti, ir-reġistri ppreparati mis-segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza għall-użu intern, juru l-problemi li jinqalgħu maż-żmien u wasslu għal analiżi fil-fond mill-Kumitat. Fejn kien xieraq, il-problemi identifikati, partikolarment dawk relatati mal-proċedura u l-eżami tar-riżultat tal-proċeduri kriminali fl-Istati Membri, wasslu għal skambju ta' opinjonijiet utli bejn il-Kumitat ta' Sorveljanza u d-Direttur ta' l-Uffiċju jew id-Direttur responsabbli mill-investigazzjonijiet. Il-minuti tal-Kumitat mhux dejjem juru l-istampa kollha ta' l-osservazzjonijiet li jsiru waqt il-laqgħat tal-Kumitat, għax ħafna dokumenti, magħluqa mill-OLAF, ikunu għadhom taħt investigazzjoni fl-Istat Membru.

D. ***Konklużjonijiet (punt 93)***

Jista' jiġi konkluż li l-Kumitat ta' Sorveljanza addotta attitudni ta' support lejn l-Uffiċju, li fejn hemm bżonn tinkuraġġixxi t-twaqqif ta' strutturi u metodi ġodda. Din l-attitudni kellha riżultati konkreti pożittivi fir-rigward tar-reġistri, fis-sistema tar-reġistrazzjoni tad-dokumenti u fil-CMS, waqt li sa llum id-Direttur ta' l-Uffiċju għadu ma kkunsidrax ir-rakkomandazzjoni urġenti u mtennija magħmla mill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar l-adozzjoni ta' kodiċi xierqa ta' proċedura.

Ma kien hemm l-ebda każ fejn inqalgħet il-problema ta' xi interferenza li tista' ssir mill-Kumitat ta' Sorveljanza f'investigazzjoni li tkun għaddejja. Għal kuntrarju, il-laqgħat ta' kull xahar mad-Direttur kienu okkażjoni tajba biex jiġu eżaminati kwistjonijiet ġenerali li jistgħu jingħataw attenzjoni mill-Kumitat ta' Sorveljanza.

# OPINJONI Nru 6/2005

## dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex temenda r-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999 rigward l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

*(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sotto-paragrafu u l-Artikolu 279(2), KE)*

IL-QORTI TA' L-AWDITURI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 280 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Eenerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 160c tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999,

Wara li kkunsidrat it-talba għal opinjoni lill-Qorti ta' l-Awdituri mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2004,

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

*L-isfond tal-proposta*

1. Il-proposta hija bbażata fuq ir-rapport tal-progress mogħti mill-Kummissjoni f'April 2003 taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF ([1]). Hija wkoll segwitu tal-kompitu mogħti mill-President tal-Kummissjoni lill-Kumitat dwar il-Kontroll tal-baġit fit-18 ta' Novembru 2003 waqt il-preżentazzjoni tal-programm leġislattiv u ta' xogħol tal-Kummissjoni għall-2004. Il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li ssaħħaħ l-effiċjenza operattiva ta' l-OLAF billi tħallih jikkonċentra fuq il-prijoritajiet tiegħu u sabiex iħaffef l-investigazzjonijiet tiegħu billi tiċċara ċerti proċeduri. Madanakollu, id-dikjarazzjoni tal-President marret iktar il-bogħod mill-proposta mressqa mill-Kummissjoni billi, barra mill-aġġustamenti għall-proċeduri t'investigazzjoni, hija kkunsidrat il-prospettiva ta' riorganizzazzjoni ta' l-Uffiċċju nniffsu.

2. Il-President tal-Kummissjoni kien, fil-fatt, qal illi r-riffokar ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF kien ifisser illi jista' jkun hemm każ sabiex jiġu assenjati mill-ġdid lid-dipartimenti tal-Kummissjoni ċerti funzjonijiet orizzontali li mhumiex relatati ma' l-investigazzjonijiet, u li t-tmexxija ta' l-OLAF kellha bżonn tiġi rrikunsidrata ([2]). Finalment, huwa ppropona li tiżdied l-effettivita' ta' l-OLAF, minħabba li l-ammont ta' xogħol tiegħu qed jiżdied f'Unjoni ikbar - billi jiżdiedu r-risorsi tal-persunal tiegħu, jirrifoka l-funzjonijiet tiegħu fuq il-funzjoni investigattiva tiegħu u jadatta r-Regolament…. Mill-proposti magħmula mill-President tal-Kummissjoni, hija biss l-aħħar waħda (adattazzjoni tar-Regolament) li hija kkonċernata mill-proposta sabiex jiġi emendat ir-Regolament Nru 1073/1999. Riffokar tal-funzjonijiet reali ta' l-Uffiċċju kien ikun jirrikjedi emendament lid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 t'April 1999 li waqqfet l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. ([3])

3. Il-preambolu juri illi l-għan tal-proposta huwa li jemenda r-Regolament f'ħames partijiet prinċipali, mingħajr ma jitpoġġew f'diskussjoni bl-ebda mod il-poteri u r-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Dawn il-ħames partijiet huma kif ġej:

a) rigward każijiet li għandhom jiġu segwiti b'mod attiv, l-Uffiċċju għandu jkun liberu li jiddeċiedi, fuq bażi tal-prijoritatjiet tiegħu stess, jekk jiftaħx jew le investigazzjoni (dikjarazzjoni tal-prinċipju ta' diskrezzjoni fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet);

b) rigward l-investigazzjonijiet interni (investigazzjonijiet amministrattvi ġewwa l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji), l-Uffiċċju għandu jinforma lill-istituzzjonijiet u l-korpi fejn ikunu qed isiru l-investigazzjonijiet jew fejn hemm bżonn ta' miżuri amministrattivi sabiex jiġu protetti l-interessi ta' l-Unjoni;

c) f'investigazzjonijiet interni u f'każijiet ta' frodi konnessi ma' kuntratti ffinanzjati mill-fondi Komunitarji (in-nefqa diretta jieħdu ħsiebha l-investigazzjonijiet esterni), l-Uffiċċju għandu jkun kapaċi jwettaq ispezzjonijiet fil-bini ta' operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri skond il-proċeduri li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96. Huwa għandu jkollu wkoll aċċess mhux imfixkel għal informazzjoni miżmuma mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji meta jkun qed iwettaq investigazzjonijiet esterni;

([1]) KUMM(2003) 154 final tat-2.4.2003.

([2]) "Tmexxija" għandha tfisser mhux biss l-arranġamenti ta' ġestjoni imma wkoll l-arranġamenti ta' sorveljanza (il-Kumitat ta' Sorveljanza).

([3]) Deċiżjoni 1999/352/KE, ECSC, Euraton tat-28 t'April 1999 (ĠU L136, tal-31.5.1999).

d) għal ġieh dak li hu ġust u għaċ-ċertezza legali, il-garanziji proċedurali relatati mad-drittijiet ta' l-individwi għandhom jiġu ċċarati kemm għall-investigazzjonijiet interni kif ukoll esterni.

e) l-irwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jiġi estiż għall-monitoraġġ ta' kemm idumu l-investigazzjonijiet u għall-protezzjoni ta' l-individwi, kemm f'investigazzjonijiet interni kif ukoll esterni. Għalhekk huwa propost li n-numru ta' Membri tal-Kumitat jiżdied bi tnejn. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll illi Membru wieħed tal-Kumitat għandu jkun responsabbli għall-preparazzjoni tax-xogħol dwar l-osservanza ta' l-Uffiċċju tad-drittijiet individwali.

4. Il-kummenti li jsegwu jieħdu kont tas-sejbiet tal-verifika ta' l-Uffiċċju, kif imniżżla fir-Rapport Sepċjali Nru 1/2005 tal-Qorti ta' l-Awdituri.

*Applikazzjoni tal-prinċipju ta' diskrezzjoni fil-ftuħ ta' l-investigazzjonijiet*

5. L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' diskrezzjoni fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet jista' jiġi meqjus bħala materja ta' effiċjenza, u l-Qorti tilqa' l-bidla. Madanakollu, l-effett prattiku immedjat ser ikun limitat. Kif juri r-Rapport Speċjali, in-numru ta' denunzji li għandhom bażi soda li l-Uffiċċju jirċievi ma huwiex kbir.

6. L-iffissar ta' prijoritajiet u ta' żmienijiet li fihom irid isir ix-xogħol huma kwistjonijiet relatati. L-esperjenza wriet illi ħafna mill-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju jieħdu iktar minn perijodu raġonevoli (12 sa 18-il xahar). Għalhekk, ikun utli li jiġu ffissati skadenzi għall-investigazzjonijiet.

*Obbligu ta' avviż*

7. Il-Qorti hija favur il-proposta li jiġi rinforzat l-obbligu ta' l-Uffiċċju li jinforma l-istituzzjonijiet u l-korpi konċernati bil-ftuħ ta' investigazzjoni. It-tħassir fl-Artikolu 4.5 preżenti, tad-dritt li din l-informazzjoni tiġi ddiferita jikkostitwixxi madanakollu ċerta ambigwità. In-nuqqas ta' dispożizzjoni fuq dan il-punt ifisser li l-possibilità li informazzjoni tinżamm u ma tingħatax m'hijiex eskluża. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li l-obbligu tan-notifikazzjoni ma jiġix imwarrab mingħajr ġustifikazzjoni bil-pretest li hemm bżonn ta' segretezza sabiex tiġi garantita l-effiċjenza ta' l-investigazzjoni.

***Użu estiż tal-proċeduri ta' l-ispezzjoni fir-Regolament Nru (Euratom, KE) 2185/96*** [1]

8. Ir-Regolament (Euratom, EK) Nru 2185/96 jipprovdi għal iċċekkjar u ispezzjonijiet fuq il-post magħmula mill-Kummissjoni sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej rigward is-sostenn agrikolturali, Fondi Stutturali u risorsi proprji.

9. Din il-proposta tipprovdi għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament sabiex tiġi estiża għan-nefqa diretta (politika interna, għajnuna esterna eċċ.). Dan għandu jsaħħaħ il-firxa ta' miżuri ta' intervenzjoni li huma disponibbli għall-Uffiċċju, partikolarment rigward il-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali. Il-verifiki tal-Qorti kkonfermaw li jeżisti nuqqas f'dan ir-rigward. Fuq dan il-punt, għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tiġi milqugħa b'mod pożittiv.

*Tisħiħ tal-garanziji proċedurali*

10. Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa xieraq li l-prinċipji fundamentali li għandhom jirregolaw l-investigazzjonijiet għandhom jiġu mniżżla fir-Regolament. Il-Qorti taqbel ma' dan.

*L-irwol u n-numru ta' membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza*

11. Il-konformità mal-proċeduri legali ta' l-investigazzjonijiet għandha tiġi assigurata. Skond ir-Regolament 1073/1999 (Artikolu 14), ilmenti waqt investigazzjoni rigward domandi mill-investigaturi OLAF għandhom jiġu magħmula lid-Direttur ta' l-Uffiċċju. Din m'hijiex soluzzjoni soddisfaċenti għaliex ma tagħtix lil min qiegħed jilmenta analiżi ndipendenti tat-talba. Bħala alternattiva, individwi taħt investigazzjoni rreferew għall-Ombudsman meta kkunsidraw illi d-drittijiet fundamentali tagħhom kienu ġew miksura. Din il-proċedura rriżultat insodisfaċenti u wasslet f'ċerti okkażjonijiet għal sitwazzjonijiet fejn l-Ombudsman deher bħala li qiegħed jintervjeni fil-kors ta' investigazzjonijiet. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti lill-Kumitat ta' Sorveljanza l-irwol li jikkontrolla l-mod li bih jimxu l-investigaturi. Din m'hijiex soluzzjoni aħjar, għaliex hija kontra l-prinċipju illi l-Kumitat m'għandux jintervejni fl-investigazzjonijiet li jkunu għandhom għaddejjin.

12. L-analiżi tal-legalità ta' l-atti investigattivi għandha tiġi fdata f'idejn korp li jkun imparzjali u li ma jistax jiġi nvolut fit-tmexxija ta' l-investigazzjoni minħabba aspetti oħra tal-mandat tiegħu.

[1] ĠU L 292, tal-15.11.1996.

13. Il-proposta tal-Kummissjoni ma tiċċarax l-irwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza rigward l-inkompatibilità bejn il-prinċipju li ma jsirux interferenzi fl-investigazzjonijiet u l-obbligu li tinkiseb opinjoni mill-Kumitat waqt investigazzjoni, li jsir neċessarju jew meta l-perijodu ta' tnax-il xahar ikun ġie maqbuż jew meta l-Kumitat ikun irid jiġi nfurmat qabel ma każ jiġi mgħoddi lill-awtoritajiet ġudizzjarji. Jidher għalhekk neċessarju li jingħad b'mod iktar ċar illi l-Kumitat ta' Sorveljanza ma għandux jintervejni f'investigazzjonijiet li jkunu mixjin.

14. Il-Kummissjoni tipproponi li n-numru ta' membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza jiżdied minn ħamsa għal sebgħa. Dan m'huwiex ibbażat fuq xi analiżi objettiva tal-funzjonijiet u tal-proċeduri operattivi tal-Kumitat. Id-dmirijiet tal-membri huma sporadiċi u ma jħalluhomx jeżaminaw il-fajls fid-dettall. Sabiex ikunu jistgħu jaħdmu b'mod iktar effettiv, ikun preferibbli jekk ta' l-inqas ftit minnhom ikollhom esperjenza preċedenti ta' l-affarijiet Komunitarji, speċjalment fil-qasam investigattiv.

15. Skond ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 (Artikolu 11 (6)), il-Kumitat ta' Sorveljanza huwa obbligat li jkollu mill-inqas għaxar laqgħat fis-sena. Madanakollu, jekk il-Kumitat ħa jikkonċentra fuq iċ-ċertezza ta' l-indipendenza tal-funzjoni investigattiva ta' l-OLAF, huwa ma jistax jitpoġġa taħt l-obligazzjoni li jiltaqa' kważi kull xahar. Barra minn hekk, reviżjoni ta' l-irwol u l-proċeduri operattivi tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandha twassal għal tnaqqis fin-numru ta' postijiet fis-segretarjat tiegħu.

Din l-opinjoni ġiet adottata mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Hubert WEBER
*President*